Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża

2025/2119(INI)

13.11.2025

EMENDI
1 - 278

Abbozz ta' rapport
Michał Szczerba
(PE778.180v01-00)

Is-sħubijiet strateġiċi tal-UE għas-sigurtà u d-difiża
(2025/2119(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK),	– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), ***kif ukoll il-limitazzjonijiet legali stabbiliti fl-Artikoli 41 u 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-prinċipji mnaqqxa fl-Artikolu 21, li jenfasizzaw l-impenn tal-Unjoni għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, il-kooperazzjoni multilaterali, u r-rispett għad-dritt internazzjonali,***

Or. en

Emenda 2
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ***t-Titolu*** V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK)**,**	– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ***t-Titoli I u*** V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) ***u l-Artikolu 4***,

Or. en

Emenda 3
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-Artikolu 2(3),

Or. en

Emenda 4
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-OSKE, l-Att Finali ta' Helsinki, l-1 ta' Awwissu 1975,

Or. en

Emenda 5
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Karta dwar is-Sigurtà Ewropea. Adottata fis-sitt Summit tal-OSKE tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern, Istanbul, fid-19 ta' Novembru 1999, bħala parti mid-Dokument ta' Istanbul,

Or. en

Emenda 6

Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari dawk tas-26 ta' Ġunju 2025, tal-20 ta' Marzu 2025 u tas-6 ta' Marzu 2025,	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari dawk ***tat-23 ta' Ottubru 2025,*** tas-26 ta' Ġunju 2025, tal-20 ta' Marzu 2025 u tas-6 ta' Marzu 2025,

Or. en

Emenda 7
Petras Auštrevičius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna ffirmati fis-27 ta' Ġunju 2024,

Or. en

Emenda 8
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 għal regolament*** tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea (COM(2025)0122),	– wara li kkunsidra ***r-Regolament*** tal-Kunsill ***(UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025*** li jistabbilixxi l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea (COM(2025)0122),

Or. en

Emenda 9
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża ppreżentat mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli fis-16 ta' Ottubru 2025,

Or. en

Emenda 10
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 25a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Strateġija Spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża" tal-10 ta' Marzu 2023,

Or. en

Emenda 11
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali,	A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali,

b’mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa’ aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża, inkluż l-appoġġ militari għall-Ukrajna, jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b’saħħithom u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b’mod reċiprokament vantaġġuż;	b’mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa’ aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża, inkluż l-appoġġ militari għall-Ukrajna, jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b’saħħithom u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b’mod reċiprokament vantaġġuż; ***billi l-bidla fil-paradigma militari, flimkien maż-żieda fit-theddid ibridu, ma jagħmlu l-ebda reġjun tal-Unjoni Ewropea immuni għar-riskju ta’ aggressjoni jew interferenza;***

Or. en

Emenda 12
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali, b’mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa’ aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża, inkluż l-appoġġ militari għall-Ukrajna, jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b’saħħithom u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b’mod reċiprokament vantaġġuż;	A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali, b’mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew ***minħabba l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna*** u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa’ aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża, inkluż l-appoġġ militari għall-Ukrajna, jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b’saħħithom***, sostenibbli*** u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b’mod reċiprokament vantaġġuż;

Or. en

Emenda 13
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali***, b'mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà*** u d-difiża***, inkluż l-appoġġ militari għall-Ukrajna, jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b'saħħithom u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b'mod reċiprokament vantaġġuż***;	A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali ***jirrikjedi li n-nazzjonijiet tal-UE jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar is-sigurtà*** u d-difiża ***b'rispett sħiħ għas-sovranità nazzjonali tagħhom, bl-UE taqdi rwol ta' appoġġ u koordinazzjoni meta jkun xieraq, u tiżgura l-komplementarjetà mal-istrutturi tan-NATO***;

Or. en

Emenda 14
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali, b'mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża, ***inkluż l-appoġġ militari għall-Ukrajna,*** jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b'saħħithom u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b'mod reċiprokament vantaġġuż;	A. billi l-kuntest ġeopolitiku attwali, b'mod partikolari r-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u d-deċiżjoni konsegwenti tal-UE biex terfa' aktar responsabbiltà għas-sigurtà u d-difiża, jirrikjedi li l-UE ssawwar sħubijiet aktar b'saħħithom u mfassla apposta biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tal-istess fehma b'mod reċiprokament vantaġġuż;

Or. en

Emenda 15
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi d-difiża nazzjonali tikkostitwixxi kompetenza esklużiva tal-Istati Membri skont l-Artikolu 42 tat-TUE u l-Artikolu 346 tat-TFUE, u li kwalunkwe kooperazzjoni Ewropea f'dan il-qasam trid tibqa' intergovernattiva, volontarja u mhux vinkolanti, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-istrutturi u l-prinċipji kostituzzjonali nazzjonali, kif ukoll il-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 16
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-rwol dejjem jikber tal-UE fis-sigurtà u d-difiża jrid jibqa' konsistenti mal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tat-TUE, inkluż ir-rispett għall-Karta tan-NU, id-dritt internazzjonali, il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-iżvilupp sostenibbli, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 17
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-Federazzjoni Russa tuża tattiċi ibridi kumplessi inklużi kampanji

ta' diżinformazzjoni, attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni ta' narrattivi storiċi, u interferenza politika bl-objettiv li ddgħajjef l-istabbiltà, l-unità, il-koeżjoni u d-demokrazija tal-Unjoni Ewropea; billi dawn l-operazzjonijiet ibridi jinvolvu wkoll l-istrumentalizzazzjoni intenzjonata tal-Knisja Ortodossa Russa mill-Kremlin, bl-użu ta' ċerti strutturi u narrattivi klerikali biex jitmexxew 'il quddiem l-għanijiet ġeopolitiċi, jitrawmu di-diviżjonijiet soċjetali, u jiġu destabilizzanti r-reġjuni tal-viċinat;

Or. en

Emenda 18
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-firxa ta' sħubijiet u djalogi fil-livell tal-UE dwar il-paċi, is-sigurtà u d-difiża hija sors importanti ta' forza u reżiljenza;	C. billi l-firxa ta' sħubijiet u djalogi fil-livell tal-UE dwar il-paċi, is-sigurtà u d-difiża hija sors importanti ta' forza u reżiljenza; ***billi dawn is-sħubijiet għandhom jindirizzaw l-aktar ħtiġijiet u sfidi urġenti tad-difiża tal-UE;***

Or. en

Emenda 19
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Boxxla Strateġika talbet li jiġu estiżi u approfonditi s-sħubijiet bilaterali, reġjonali u multilaterali fid-dinja kollha biex jiġu żgurati vantaġġi reċiproċi	D. billi l-Boxxla Strateġika talbet li jiġu estiżi u approfonditi s-sħubijiet bilaterali, reġjonali u multilaterali fid-dinja kollha biex jiġu żgurati vantaġġi reċiproċi

u kollaborazzjoni msaħħa;	u kollaborazzjoni msaħħa; ***billi jenfasizza l-ħtieġa tal-interoperabbiltà, l-innovazzjoni u l-koerenza bejn l-oqfsa tal-UE u tan-NATO, kif ukoll kooperazzjoni msaħħa mal-Ukrajna u l-Istati Uniti bħala sħab ewlenin għas-sigurtà Ewropea u trans-Atlantika;***

Or. en

Emenda 20
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Christophe Bay, Matthieu Valet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-Istati Uniti ċaqalqu progressivament l-enfasi strateġika u tas-sigurtà tagħhom 'il bogħod mill-Ewropa sa mill-"Pern għall-Asja" tal-Amministrazzjoni Obama fl-2009, xejra li kompliet taħt amministrazzjonijiet Demokratiċi u Repubblikani sussegwenti; billi għalhekk l-interess strateġiku Amerikan fl-Ewropa x'aktarx li jkompli jonqos irrispettivament mill-iżviluppi politiċi domestiċi fl-Istati Uniti, u dan jissottolinja l-ħtieġa li r-relazzjonijiet attwali u s-sħubijiet futuri bejn l-Istati Uniti u l-Ewropa jkunu inkwadrati f'objettiv fit-tul li jinbena pilastru Ewropew awtonomu fin-NATO, li jkun kapaċi jissalvagwardja s-sigurtà tal-Ewropa stess mingħajr appoġġ militari Amerikan dirett;

Or. en

Emenda 21
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-azzjoni esterna tal-UE għandha tkun iggwidata mill-prinċipji tal-Karta tan-NU, inkluża s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, u mill-acquis tal-OSKE, b'mod partikolari l-Att Finali ta' Ħelsinki (1975) u l-Karta ta' Istanbul għas-Sigurtà Ewropea (1999), li jartikolaw il-kunċett ta' sigurtà indiviżibbli; billi l-Unjoni għandha tippromwovi t-tnaqqis tat-tensjoni u arranġamenti ta' sigurtà reġjonali inklużivi skont l-Artikolu 21 tat-TUE;

Or. en

Emenda 22
Yannis Maniatis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-pajjiżi terzi li ma jikkondividux il-prinċipji u l-valuri tal-UE, inkluż il-prinċipju tar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, ma jirrispettawx id-dritt internazzjonali u jheddu direttament is-sovranità tal-Istati Membri tal-UE, jew jokkupaw parti mit-territorju tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala sħab affidabbli fis-sigurtà u d-difiża għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;

Or. en

Emenda 23
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-użu tal-migrazzjoni bħala arma, iż-żieda fl-attività tal-organizzazzjonijiet tat-traffikar ta' bnedmin, jikkostitwixxu riskju ewlieni għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea; billi r-rapporti jindikaw li r-Russja qed tuża l-migrazzjoni fil-Belarussja, fil-pajjiżi Baltiċi u fis-Saħel biex tiddestabilizza reġjuni differenti tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 24
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. (ġdida) billi l-formazzjoni ta' sħubijiet ġodda ta' sigurtà u difiża bejn l-UE u l-pajjiżi sħab għandha tistinka biex tiżgura l-ogħla standards għas-sigurtà tal-Ewropa billi takkwista u jkollha aċċess għall-aktar sistemi ta' awtodifiża teknoloġikament avvanzati u effettivi;

Or. en

Emenda 25
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi s-sigurtà tal-fruntieri tikkostitwixxi parti integrali mid-difiża strateġika, b'mod partikolari fil-kuntest

tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni mill-Belarussja, ir-Russja u t-Turkija kontra l-Istati Membri, u t-theddida rikorrenti tat-terroriżmu Iżlamiku; billi dan jissottolinja l-ħtieġa urġenti ta' sħubijiet ta' sigurtà mal-pajjiżi tal-viċinat u l-pajjiżi ta' oriġini biex jiġi ġestit u pprevenut, fis-sors, id-dħul illegali u mhux skrinjat fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 26
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-Unjoni jeħtiġilha tirrispetta l-limiti tal-kompetenzi tagħha, inkluż l-Artikolu 41(2) tat-TUE rigward il-finanzjament ta' operazzjonijiet militari mill-baġit tal-UE, u tiżgura trasparenza u obbligu ta' rendikont sħaħ għal kwalunkwe strument barra l-baġit użat fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

Or. en

Emenda 27
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-

theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE; ***jinnota li l-Unjoni Ewropea bħalissa qed tesperjenza l-aktar sitwazzjoni kritika ta' sigurtà tagħha minn meta ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija, u qed tiffaċċja sfidi kbar bħat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u l-infrastruttura taċ-ċibersigurtà tagħha, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tagħha;***

Or. en

Emenda 28
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE; ***jisħaq li dawn għandhom isaħħu l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li jibqgħu kompletament komplementari man-NATO, u jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi flimkien ma' sħab tal-istess fehma fit-tfittxija tal-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà kollettiva;***

Or. en

Emenda 29
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE; ***jitlob li dawn is-sħubijiet jiġu kkalibrati b'tali mod li tiġi evitata estensjoni strateġika żejda, jiġu rispettati l-prerogattivi tal-Istati Membri, u tingħata prijorità lill-interessi tal-viċinat u tas-sigurtà ewlenin tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 30
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ***tirrispondi b'mod effettiv għat-theddidiet emerġenti u tappoġġja l-ambizzjoni tal-UE li żżid ir-rwol tagħha bħala attur strateġiku globali; jisħaq li sħubijiet bħal dawn huma essenzjali biex l-Unjoni*** ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;

Or. en

Emenda 31
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE; ***jenfasizza li dawn is-sħubijiet iridu jkunu bbażati fuq valuri demokratiċi, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali;***

Or. en

Emenda 32
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża***, li huma bbażati fuq ir-reċiproċità, b'enfasi strateġika u objettivi ċari,*** huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;

Or. sv

Emenda 33
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ***huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad***; ***jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;***	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ***jistgħu jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-Ewropa li taġixxi b'mod responsabbli fi kwistjonijiet ta' difiża filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kontroll sovran tal-Istati Membri fuq il-forzi armati nazzjonali tagħhom u d-deċiżjonijiet strateġiċi tagħhom***;

Or. en

Emenda 34
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet ***mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE***;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet ***għandhom ikunu primarjament imfassla biex jindirizzaw thassib tanġibbli dwar is-sigurtà u biex inaqqsu d-dipendenzi strateġiċi eċċessivi***;

Or. en

Emenda 35
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar ***sovrana***, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex ***taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat*** l-isfidi ***u t-theddid immedjati u*** futuri b'approċċ ta' 360 grad; ***jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;***	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar ***strateġikament awtonoma filwaqt li tkun impenjata bis-sħiħ għall-kooperazzjoni multilaterali u d-dritt internazzjonali***, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex ***tindirizza*** l-isfidi futuri b'approċċ ta' 360 grad;

Or. en

Emenda 36
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ***ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u*** mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ***tkun*** mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad***, filwaqt li jitqiesu l-oqsma strateġiċi kollha u n-naħat tal-UE***; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;

Or. en

Emenda 37
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;	1. Jissottolinja li s-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża huma fundamentali biex l-Ewropa ssir aktar sovrana, aktar responsabbli għad-difiża tagħha stess u mgħammra aħjar biex taġixxi u tittratta b'mod awtonomu u kkoordinat l-isfidi u t-theddid immedjati u futuri b'approċċ ta' 360 grad; jafferma li dawn is-sħubijiet mhumiex għażla, iżda neċessità għall-UE;

Or. en

Emenda 38
Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja l-importanza li jiġu ffaċilitati Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża li jippromwovu l-kooperazzjoni dwar id-droni u teknoloġiji rivoluzzjonarji oħra; jisħaq li l-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna wriet ir-rwol deċiżiv tas-sistemi awtonomi, il-gwerra elettronika, u l-kapaċitajiet kontra l-UAS fil-kunflitt modern; jenfasizza li t-trawwim ta' sħubijiet iffukati fuq l-iżvilupp, il-produzzjoni, u l-integrazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji fid-duttrini u t-taħriġ nazzjonali huwa essenzjali biex jiġi protett il-persunal militari kif ukoll l-infrastruttura militari u ċivili, u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tad-difiża tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 39

Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-isfidi tad-difiża tal-Ewropa jitolbu kooperazzjoni mġedda fost l-Istati Membri, iggwidata minn preferenza Ewropea ġenwina bbażata fuq koordinazzjoni intergovernattiva u rispett sħiħ għas-sovranità nazzjonali;

Or. en

Emenda 40
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq li l-aspirazzjonijiet neo-imperjali u l-attitudni reviżjonista tar-Russja jikkostitwixxu l-aktar theddida sinifikanti għas-sigurtà tal-UE u jenfasizza l-urġenza li jissaħħu l-kapaċitajiet difensivi u ta' deterrenza tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 41
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa

biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi ***l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u*** l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;

biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anke*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali; ***jenfasizza li l-kooperazzjoni ekonomika kontinwa bejn l-UE u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina teħtieġ valutazzjoni mill-ġdid fundamentali fid-dawl tal-appoġġ miċ-Ċina għall-ekonomija tal-gwerra Russa, inklużi kundizzjonalità stretta għall-investiment u l-kummerċ, klawżola vinkolanti ta' esklużjoni tar-Russja għal prodotti b'użu doppju, u regola ċara li ċ-Ċina tiġi eskluża mill-għajnuna għar-rikostruzzjoni għall-Ukrajna; jitlob ukoll lill-UE ssaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tagħha kontra ċ-Ċina billi ssaħħaħ it-tnaqqis tar-riskji u tkompli l-kooperazzjoni biss fejn jeżistu garanziji ċari u eżegwibbli kontra ftehimiet ta' ċirkonvenzjoni mar-Russja;***

Or. de

Emenda 42
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-

aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;	aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anke*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; ***jissottolinja li r-Russja tibqa' l-ostaklu ewlieni għall-paċi fl-Ukrajna fl-isforzi diplomatiċi attwali biex tintemm il-gwerra, u jilqa' l-bidla tal-amministrazzjoni attwali tal-Istati Uniti lejn l-eżerċitar ta' pressjoni diplomatika akbar biex jiġu żgurati konċessjonijiet u impenn Russu aktar kredibbli għal ftehim ta' paċi;*** jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;
	Or. en

Emenda 43
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; ***jenfasizza t-tħassib partikolari dwar is-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE fuq in-naħa tal-Lvant, li jiffaċċjaw theddid dirett mill-aggressjoni***

Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;	***Russa u l-gwerra ibrida;*** jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;
	Or. en

Emenda 44
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew anki bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjuż li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;*** jissottolinja li ***l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u*** globali;	2. Jissottolinja li ***l-ambjent tas-sigurtà li mar għall-agħar jirrikjedi investiment sostnut fir-reżiljenza, fil-ġestjoni tal-kriżijiet u fid-diplomazija; jirrikonoxxi li diversi fatturi li jinteraġixxu, inklużi tilwim reġjonali mhux solvut, perċezzjonijiet ta' sigurtà li jikkompetu ma' xulxin u bidliet fis-setgħa*** globali***, jaffettwaw is-sigurtà Ewropea***; ***jappella għal reazzjonijiet konsistenti mal-Karta tan-NU u l-prinċipji tal-OSKE ta' sigurtà indiviżibbli, tnaqqis tat-tensjoni u tnaqqis tar-riskju;***
	Or. en

Emenda 45
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anke*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha ***bħar-reġimi fl-Iran, il-Korea ta' Fuq u l-Belarussja***; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina ***li hija faċilitatur u sostenitur kritiku tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja,*** u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;

Or. en

Emenda 46
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew anki bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha***, b'mod partikolari r-Repubblika Iżlamika tal-Iran***; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni

jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;	internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;

Or. en

Emenda 47
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi ***li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna***, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex tinvesti aktar fis-sigurtà u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anke*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi ***u l-gwerra ibrida li għaddejja minn diversi atturi statali u mhux statali***, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;

Or. en

Emenda 48
Petras Auštrevičius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex ***tinvesti aktar fis-sigurtà*** u d-difiża; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anki*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażat*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;	2. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet qanpiena ta' allarm għall-Ewropa biex ***tagħti prijorità lis-sigurtà*** u d-difiża***, u tinvesti aktar fihom***; jissottolinja li r-Russja qiegħda tkompli l-aggressjoni tagħha fil-kontinent Ewropew ***anke*** bl-għajnuna tal-forzi bi prokura tagħha; jieħu nota tal-attivitajiet malizzjużi li jagħmlu l-kompetituri strateġiċi tagħna, li jikkostitwixxu theddid għas-sigurtà Ewropea u għall-ordni internazzjonali ***bbażata*** fuq ir-regoli; jissottolinja li l-UE jkollha tiġġestixxi l-kompetizzjoni strateġika taċ-Ċina u l-effetti konsegwenzjali minħabba l-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika, filwaqt li tindirizza t-theddid u l-isfidi komuni u globali;
	Or. en

Emenda 49
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja li, fid-dawl tal-ambjent tas-sigurtà kumpless u li qed jevolvi inklużi t-theddid ibridu, ċibernetiku, spazjali, relatat mal-IA, u l-istrumentalizzazzjoni intenzjonata tal-Knisja Ortodossa Russa mill-Kremlin biex imexxi 'l quddiem l-aspirazzjonijiet neo-imperjalistiċi attwali tiegħu, is-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni ma għandhomx ikunu limitati għall-kooperazzjoni militari u teknoloġika tradizzjonali, iżda għandhom jinkludu wkoll strumenti ta' setgħa ta' persważjoni, inkluż diplomazija ekonomika u bbażata

fuq il-fidi, djalogu interkulturali, u kooperazzjoni ma' atturi reliġjużi u komunitarji, bħala komponenti vitali tal-prevenzjoni tal-kunflitti, it-tiswir tal-paċi, u r-reżiljenza;

Or. en

Emenda 50
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq li s-sigurtà Ewropea trid tkun iċċentrata fuq il-bniedem, billi tindirizza l-kawżi ewlenin tal-kunflitt bħall-faqar, l-inugwaljanza, l-iskarsezza tar-riżorsi u l-kriżi klimatika; jinsisti li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jintegraw il-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sigurtà tal-klima u s-sostenibbiltà bħala prijoritajiet trażversali;

Or. en

Emenda 51
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrikonoxxi li l-migrazzjoni hija, speċjalment għall-pajjiżi tan-naħa tan-Nofsinhar, sfida ewlenija għas-sigurtà li trid tiġi ġestita, u li din tirriżulta mill-kunflitti li għaddejjin fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika sub-Saħarjana;

Or. en

Emenda 52
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li, permezz tal-Boxxla Strateġika tal-UE, l-UE hija impenjata favur djalogu aktar koerenti, konsistenti u komprensiv mas-sħab bilaterali tagħha u b'hekk toħloq sħubijiet imfassla apposta abbażi ta' valuri u interessi kondiviżi;	3. Jissottolinja li, permezz tal-Boxxla Strateġika tal-UE, l-UE hija impenjata favur djalogu aktar koerenti, konsistenti u komprensiv mas-sħab bilaterali tagħha u b'hekk toħloq sħubijiet imfassla apposta abbażi ta' valuri u interessi kondiviżi; ***jenfasizza l-importanza tal-interoperabbiltà, it-taħriġ konġunt u l-innovazzjoni industrijali tad-difiża f'dawn is-sħubijiet, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi bħall-Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża (EDIP) u l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE);***

Or. en

Emenda 53
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li, permezz tal-Boxxla Strateġika tal-UE, l-UE hija impenjata favur djalogu aktar koerenti, konsistenti u komprensiv mas-sħab ***bilaterali*** tagħha u b'hekk toħloq sħubijiet imfassla apposta abbażi ta' valuri u interessi kondiviżi***;***	3. Jissottolinja li, permezz tal-Boxxla Strateġika tal-UE, l-UE hija impenjata favur djalogu aktar koerenti, konsistenti u komprensiv mas-sħab tagħha u b'hekk toħloq sħubijiet imfassla apposta ta' benefiċċju reċiproku abbażi ta' valuri u interessi kondiviżi

Or. en

Emenda 54

Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jissottolinja l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-sħiħ favur l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, imsejsa fuq ir-rispett għad-dritt internazzjonali, il-prinċipji tal-Karta tan-NU, il-valuri tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, kif minqux fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jisħaq li dan l-impenn jifforma l-pedament tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-paċi, l-istabbiltà, il-multilateraliżmu u l-prosperità madwar id-dinja;

Or. en

Emenda 55
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Ifakkar li s-sigurtà Ewropea hija indiviżibbli, u li l-istabbiltà dejjiema tirrikjedi arkitettura tas-sigurtà inklużiva; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lis-SEAE biex jintensifikaw il-mezzi bbażati fuq l-OSKE għat-tnaqqis tar-riskju bejn il-forzi militari, il-prevenzjoni tal-inċidenti u t-tisħiħ tal-fiduċja, flimkien mas-sħubijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 56
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3 bis. Jitlob aġġornament regolari tal-Boxxla Strateġika, biex jiġi żgurat li l-viżjoni strateġika u l-objettivi komuni tal-UE jinżammu dejjem aġġornati mal-iżviluppi ġeopolitiċi, soċjali u teknoloġiċi reċenti;

Or. it

Emenda 57
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jitlob lill-Kummissjoni u lis-SEAE jintegraw l-ippjanar tar-reżiljenza fl-inizjattivi kollha tas-sigurtà esterna u interna, li jkopru l-infrastruttura kritika, il-ktajjen tal-provvista u l-indipendenza enerġetika;

Or. en

Emenda 58
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-importanza kruċjali tas-sħubija UE-NATO	L-importanza kruċjali tas-sħubija ***strateġika*** UE-NATO

Or. en

Emenda 59
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-importanza kruċjali tas-sħubija UE-NATO	***Il-benefiċċji tad-diversifikazzjoni tas-sħubijiet***

Or. en

Emenda 60
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO;	4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO; ***jisħaq li l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-UE u n-NATO għandha tkun ibbażata fuq it-trasparenza reċiproka, il-komplementarjetà u r-rispett sħiħ għall-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull organizzazzjoni; jissottolinja li r-responsabbiltà demokratika u s-sorveljanza parlamentari huma essenzjali biex jiġi żgurat li tali kooperazzjoni ssaħħaħ is-sigurtà Ewropea u trans-Atlantika;***

Or. en

Emenda 61
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO;	4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet***, imwettqa b'mod partikolari permezz ta' eżerċizzji konġunti u kollaborazzjoni bejn il-persunal***, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO; ***jissottolinja li din il-kooperazzjoni trid tibqa' tissaħħaħ b'mod reċiproku, abbażi tal-fiduċja, it-trasparenza u r-rispett għall-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet;***

Or. en

Emenda 62
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO;	4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO; ***jisħaq li 23 minn 27 Stat Membru tal-UE huma membri tan-NATO, u jemmen li l-kooperazzjoni ma' membri Ewropej tan-NATO li mhumiex membri tal-UE għandha tiġi affermata mill-ġdid billi jiġu esplorati l-possibbiltajiet għat-tisħiħ ta' dawn is-sħubijiet;***

Or. en

Emenda 63
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza ***s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO***;	4. Jenfasizza ***li r-rekwiżiti tan-NATO, inkluż fir-rigward tal-komplementarjetà u l-kompatibbiltà tas-sistemi tal-armi, huma mfassla biex iżommu lill-Istati Membri dipendenti mid-dominanza tal-Istati Uniti u jillimitaw l-awtonomija Ewropea***;

Or. en

Emenda 64
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi ***politiċi aktar*** strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, ***b'mod partikolari fl-industrija*** tad-difiża ***u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet***, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO;	4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, ***f'oqsma, bħal fost l-oħrajn il-mobbiltà militari, is-sigurtà marittima u l-industrija*** tad-difiża, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew tan-NATO;

Or. en

Emenda 65
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, ***b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet,*** biex b'hekk jissaħħaħ ***il-pilastru*** Ewropew ***tan-NATO***;	4. Jenfasizza s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, biex b'hekk jissaħħaħ ***pilastru*** Ewropew ***awtonomu fin-NATO***;

Or. en

Emenda 66
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza ***s-sħubija strateġika msaħħa man-NATO, li tinkludi djalogi politiċi aktar strutturati u kooperazzjoni operattiva u settorjali msaħħa, b'mod partikolari fl-industrija tad-difiża u fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħaħ il-pilastru Ewropew*** tan-NATO;	4. Jenfasizza ***r-rwol ċentrali*** tan-NATO ***bħala l-pedament tad-difiża kollettiva Ewropea, bil-kontribut tal-UE jibqa' strettament komplementari u mhux duplikattiv, u ffukat fuq ir-reżiljenza, il-koordinazzjoni industrijali u l-aspetti ċivili;***

Or. en

Emenda 67
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO evolviet matul diversi deċennji, mill-arranġamenti "Berlin Plus" sad-Dikjarazzjonijiet Konġunti tal-

2016, l-2018 u l-2023, u dan jirrifletti approfondiment kostanti tas-solidarjetà trans-Atlantika; jisħaq li l-livell mingħajr preċedent ta' djalogu politiku strutturat miksub mill-2022 juri l-maturità ta' din is-sħubija; jissottolinja l-importanza li dan id-djalogu jiġi istituzzjonalizzat permezz ta' konsultazzjonijiet Ministerjali regolari bejn l-UE u n-NATO, eżerċizzji konġunti ta' prospettiva strateġika, u ppjanar ikkoordinat tar-rispons għall-kriżijiet, filwaqt li jiġi żgurat li l-koordinazzjoni politika żżomm il-pass mal-kooperazzjoni operazzjonali;

Or. en

Emenda 68
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jemmen li l-allinjament sistematiku mal-politika barranija tal-Istati Uniti dgħajjef il-kredibbiltà diplomatika, ir-rilevanza u l-marġni tal-UE biex taħdem għall-paċi; iħeġġeġ lill-UE taqbad perkors mhux allinjat ibbażat fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU, inkluż is-sigurtà komuni, id-diplomazija u s-soluzzjoni ta' tilwim internazzjonali b'mezzi paċifiċi;

Or. en

Emenda 69
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4b. Jisħaq li d-dgħufija tas-servizzi diplomatiċi u t-tellieqa tal-armi promossa mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, taħt pressjoni u f'kooperazzjoni man-NATO, jikkostitwixxu theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali;**

Or. en

Emenda 70
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4b. Jissottolinja li n-NATO hija l-aktar alleanza militari u politika ta' suċċess fl-istorja moderna, billi żgurat difiża kollettiva, stabbiltà u sigurtà għall-membri tagħha għal aktar minn seba' deċennji;**

Or. en

Emenda 71
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4c. Jappella, għalhekk, għal Ewropa li tirrifjuta l-allinjament mal-politiki aggressivi tal-Istati Uniti u tan-NATO sabiex issegwi perkors indipendenti ta' paċi, kooperazzjoni u solidarjetà ma' varjetà ta' sħab, b'mod partikolari min-Nofsinhar Globali;**

Or. en

Emenda 72
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jinnota li l-Istati Uniti wettqu bosta gwerer ta' aggressjoni illegali u mhux provokati madwar id-dinja; jikkundanna t-theddid attwali tal-Istati Uniti ta' intervent militari, inkluż kontra Greenland, il-Kanada, il-Panama, il-Kolombja jew il-Venezwela; kif ukoll l-interferenza tal-Istati Uniti fl-Istati Membri u l-pressjoni fuqhom biex jingħaqdu jew jittolleraw dawn il-gwerer ta' aggressjoni;

Or. en

Emenda 73
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw b'mod attiv ordni internazzjonali bbażata fuq id-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU peress li dan joffri l-aqwa garanziji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

Or. en

Emenda 74
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki*** permezz ta' ***kondiviżjoni akbar*** tal-intelligence ***u tal-informazzjoni***; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali ***għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari,*** għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali***,*** għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża ***u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà***;	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ ***li*** tkompli tiżviluppa, ***anke*** permezz ta' ***distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-pożizzjonijiet ta' kmand favur l-Ewropej; jopponi, madankollu, kwalunkwe ftehim li għandu l-għan li jintegra l-kondiviżjoni*** tal-intelligence ***jew il-kooperazzjoni dwar il-mobbiltà militari bejn l-UE u n-NATO, peress li dan jista' jaffettwa s-sigurtà tal-Istati Membri li għandhom interessi kunfliġġenti ma' ċerti membri tan-NATO***; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali ***u*** għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża;

Or. en

Emenda 75
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. ***Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, anki permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni;*** jisħaq ***fuq il-fatt*** li ***l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;***	5. Jisħaq li ***s-sħubijiet internazzjonali għandhom iwasslu għall-ħolqien ta' infrastruttura pubblika f'setturi strateġiċi ewlenin, inklużi s-saħħa, l-enerġija u l-qasam diġitali, sabiex jitrawmu d-drittijiet u r-reżiljenza soċjetali u demokratiċi;***

Or. en

Emenda 76
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anke*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà; ***jistieden lill-Istati Membri li huma wkoll membri tan-NATO jżidu l-impenn tagħhom fil-konfront tan-NATO;***

Or. sv

Emenda 77
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence ***u tal-informazzjoni***; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali ***għall-infrastruttura*** kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ ***li*** tkompli tiżviluppa, ***speċjalment*** permezz ta' kondiviżjoni akbar ***tal-informazzjoni u*** tal-intelligence; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali ***għall-protezzjoni tal-infrastruttura*** kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà***, u***

jappella għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dikjarazzjonijiet konġunti bejn l-UE u n-NATO;

Or. en

Emenda 78
Jorge Buxadé Villalba, Pierre-Romain Thionnet, György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni***; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ ***li*** tkompli tiżviluppa, ***soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li d-difiża hija kompetenza ewlenija tal-Istati Membri***; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 79
Petras Auštrevičius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ ***li*** tkompli tiżviluppa, ***anke*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali ***għad-deterrenza,*** għall-

militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 80
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ ***li*** tkompli tiżviluppa, ***anke*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi ***ċiberneticì,*** spazjali u tad-difiża u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 81
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ tkompli tiżviluppa, ***anki*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija essenzjali għall-	5. Jissottolinja li r-relazzjoni tal-UE man-NATO hija prijorità u jeħtieġ ***li*** tkompli tiżviluppa, ***anke*** permezz ta' kondiviżjoni akbar tal-intelligence u tal-informazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija

infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża ***u għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà***;	essenzjali għall-infrastruttura kritika, għall-mobbiltà militari, għall-grilji tal-enerġija, għall-komunikazzjonijiet diġitali, għall-ekosistemi spazjali u tad-difiża;

Or. en

Emenda 82
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li flimkien, l-Unjoni Ewropea u n-NATO jirrappreżentaw aktar minn biljun ċittadin u jinkludu wħud mill-akbar ekonomiji tad-dinja, u jiffurmaw komunità magħquda b'valuri demokratiċi u interessi ta' sigurtà kondiviżi;

Or. en

Emenda 83
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jirrikonoxxi li kooperazzjoni industrijali u teknoloġika aktar stretta bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO hija essenzjali għas-sigurtà, ir-reżiljenza u d-deterrenza fit-tul; jissottolinja li l-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS) u l-Aċċeleratur tal-Innovazzjoni fid-Difiża tan-NATO għall-Atlantiku tat-Tramuntana (DIANA) għandhom rwoli komplementari fit-tmexxija tal-innovazzjoni fid-difiża u fl-appoġġ tal-

intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jisħaq li bażi industrijali tad-difiża Ewropea b'saħħitha u integrata ssaħħaħ kemm lill-UE kif ukoll lin-NATO billi ttejjeb l-interoperabbiltà u tevita d-duplikazzjoni; iħeġġeġ il-ħolqien ta' Network konġunt ta' Innovazzjoni fid-Difiża bejn l-UE u n-NATO li jgħaqqad iċ-ċentri ta' riċerka, iċ-ċentri ta' innovazzjoni u l-istart-ups biex jippromwovi t-teknoloġiji b'użu doppju u l-innovazzjoni trans-Atlantika;

Or. en

Emenda 84
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Ifakkar fis-Summit tan-NATO tal-2008 li sar f'Bucharest, li fih l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti appoġġjat bil-qawwa l-offerta ta' Pjanijiet ta' Azzjoni għas-Sħubija fin-NATO lill-Ukrajna u l-Georgia, filwaqt li f'dak iż-żmien Franza u l-Ġermanja opponew l-estensjoni tas-sħubija; jissottolinja l-konsegwenzi estensivi ta' din id-deċiżjoni, li ġiet segwita mill-okkupazzjoni Russa tal-Abkażja u l-Ossezja t'Isfel fl-2008, l-annessjoni illegali tal-Krimea fl-2014, u l-gwerra ta' aggressjoni li ilha għaddejja kontra l-Ukrajna mill-2022; jinnota wkoll li, fis-Summit tan-NATO tal-2023 li sar f'Vilnius, Franza esprimiet appoġġ ċar għall-adeżjoni futura tal-Ukrajna man-NATO, li jimmarka bidla sinifikanti mill-pożizzjoni preċedenti tagħha fl-2008;

Or. en

Emenda 85

Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali*** tad-difiża trans-Atlantika ***kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà*** internazzjonali***, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam***;	6. ***Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jassumu responsabbiltà akbar għad-difiża u s-sigurtà tagħhom billi jiksbu awtonomija strateġika msaħħa u jsaħħu l-kapaċitajiet ta' difiża u deterrenza, filwaqt li jissottolinja li UE aktar b'saħħitha u kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u*** tad-difiża ***se tikkontribwixxi b'mod pożittiv kemm għas-sigurtà globali kif ukoll għal dik*** trans-Atlantika***; itenni l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, peress li n-NATO tibqa', għal dawk l-Istati Membri li huma membri tagħha, pilastru ewlieni tad-difiża kollettiva; jissottolinja l-ħtieġa ta' pilastru tad-difiża tal-UE b'saħħtu fin-NATO, li kapaċi jaġixxi b'mod awtonomu filwaqt li jikkomplementa lin-NATO, u b'hekk isaħħaħ is-sħubija trans-Atlantika u jipprovdi l-garanziji ta' sigurtà meħtieġa lill-UE, lill-Istati Membri tagħha, u lill-ordni*** internazzjonali ***bbażata fuq ir-regoli***;

Or. en

Emenda 86
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jisħaq fuq il-fatt*** li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u	6. ***Jinnota*** li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu

jtejbu s-sigurtà internazzjonali***, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati*** Uniti ***f'dan il-qasam***;	s-sigurtà internazzjonali; ***jesprimi tħassib, madankollu, dwar l-applikazzjoni formali tat-Turkija għal sħubija sħiħa fil-BRICS, ix-xiri tagħha fil-passat ta' sistemi ta' armi Russi, u l-pretensjonijiet territorjali u marittimi revižjonisti tagħha kontra l-Greċja u Ċipru, kif ukoll l-interess iddikjarat tal-Istati*** Uniti ***li jakkwistaw Greenland, inkluż permezz ta' mezzi militari***; ***jisħaq li dawn l-interessi ta' sigurtà dejjem aktar kunfliġġenti fin-NATO jenfasizzaw il-ħtieġa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu barra mill-qafas tagħha meta jkun meħtieġ;***

Or. en

Emenda 87
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà internazzjonali***, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam***;	6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà internazzjonali; ***jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tiżviluppa l-kapaċità ta' ppjanar u operazzjonali awtonoma tagħha stess, inkluż il-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali Ewropej ta' Żmien il-Gwerra, abbażi tal-EUMS attwali, interoperabbli man-NATO, li kapaċi jikkoordina l-forzi armati Ewropej, jippjana u jwettaq operazzjonijiet militari, appoġġjati minn strutturi ta' governanza ċari u għodod diġitali sovrani;***

Or. en

Emenda 88
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u ***jtejbu s-sigurtà internazzjonali, u*** jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam;	6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta ***u sħubija reċiprokament vantaġġuża*** mal-Istati Uniti f'dan il-qasam; ***iwissi, madankollu, dwar ir-riskji li jirriżultaw mill-enfasi li qed tinbidel tal-politika barranija tal-Istati Uniti, li tista' tissarraf fi tnaqqis fl-impenji tagħhom ta' sigurtà fil-konfront tal-Ewropa;***

Or. en

Emenda 89
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà internazzjonali, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam;	6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà internazzjonali, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam***, filwaqt li jindika li, fl-istess ħin, id-difiża Ewropea trid tkun awtonoma u jkollha kapaċità ta' deterrenza b'saħħitha biżżejjed***;

Or. sv

Emenda 90
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' struttura fundamentali tad-difiża*** trans-Atlantika ***kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà*** fl-Ewropa ***u jtejbu s-sigurtà internazzjonali, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam;***	6. ***Jinnota li r-rwol tan-NATO u tal-Membri prominenti tan-NATO fi gwerer illegali ta' aggressjoni u l-multiplikazzjoni ta' operazzjonijiet barra miż-żona skredita lin-NATO bħala attur ta' sempliċi difiża*** trans-Atlantika***; jappella għalhekk għar-riiinvenzjoni u r-rivitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni għas-sigurtà komuni u d-drittijiet tal-bniedem*** fl-Ewropa ***kif previst fil-Proċess ta' Ħelsinki;***

Or. en

Emenda 91
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' ***struttura*** fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà internazzjonali, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam;	6. Jisħaq fuq il-fatt li n-NATO tibqa' ***l-istruttura*** fundamentali tad-difiża trans-Atlantika kollettiva, li fiha l-UE u n-NATO jiżvolġu rwoli komplementari***, koerenti*** u jsaħħu lil xulxin biex jiżguraw is-sigurtà fl-Ewropa u jtejbu s-sigurtà internazzjonali, u jinkoraġġixxi kollaborazzjoni stretta mal-Istati Uniti f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 92
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jissottolinja li t-tisħiħ tas-sigurtà Ewropea jiddependi mill-kapaċità tal-Istati Membri li jgħammru lilhom infushom bi strumenti militari interoperabbli, żviluppati b'mod konġunt mill-industrija Ewropea tad-difiża, sabiex jiżguraw rispons rapidu u effettiv għal kwalunkwe theddida fuq l-integrità territorjali u s-sovranità tal-pajjiżi tal-UE; itenni li dawn il-kapaċitajiet ma jmorrux kontra l-ħtiġijiet identifikati min-NATO, iżda jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni tal-pilastru Ewropew tal-Alleanza, u b'hekk jikkontribwixxu għal distribuzzjoni ekwa tar-responsabbiltajiet fih;

Or. it

Emenda 93
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jitlob li jiġu adottati u armonizzati l-istandards tan-NATO mill-Istati Membri, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' sistemi ta' armi li jintużaw fl-UE, tittejjeb l-interoperabbiltà u tiżdied l-effiċjenza tal-programmi ta' akkwist konġunt; jenfasizza li tali standardizzazzjoni mhux biss ittejjeb il-kompatibbiltà operattiva f'operazzjonijiet multinazzjonali, iżda twassal ukoll għal ekonomiji ta' skala sinifikanti, iffrankar tal-ispejjeż u kompetittività akbar tal-industrija Ewropea tad-difiża;

Or. de

Emenda 94
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq li n-NATO tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva Ewropea u trans-Atlantika, u li l-kooperazzjoni tal-UE ma tridx tissostitwixxi l-Alleanza, iżda tikkomplementaha; jirrifjuta kwalunkwe ftehim bejn l-UE u n-NATO li jinvolvi strumenti legalment vinkolanti jew li jagħti lill-Kummissjoni kompetenzi diretti fl-ippjanar militari;

Or. en

Emenda 95
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza r-rwol tan-NATO u tal-Istati Uniti bħala atturi globali u sħab affidabbli fl-isforzi lejn in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, bħal armi nukleari, kimiċi, bijoloġiċi u radjoloġiċi, u fil-ġlieda kontra t-terroriżmu globali;

Or. en

Emenda 96
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jilqa' l-konsultazzjonijiet regolari tal-persunal u l-laqgħat ta' informazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO fi Brussell u fuq il-post, li jipprovdu pjattaforma effettiva għal azzjoni kkoordinata u skambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi politiċi u ta' sigurtà;

Or. en

Emenda 97
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifakkar fl-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 kif ukoll fil-prinċipji tal-Karta tan-NU, li jenfasizzaw li s-sigurtà hija indiviżibbli u trid tinkiseb permezz tal-kooperazzjoni, aktar milli billi titfittex superjorità militari fuq ħaddieħor;

Or. en

Emenda 98
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jitlob li l-kooperazzjoni tkun strettament mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kompetenzi legali tal-Unjoni u ma għandhiex timplika allinjament awtomatiku ma' operazzjonijiet ta' partijiet terzi;

Or. en

Emenda 99
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6 ter. Jenfasizza li d-difiża territorjali Ewropea hija fdata lin-NATO, li 23 mis-27 Stat Membru tal-UE huma membri tagħha; jissottolinja li, f'dan il-kuntest, l-identifikazzjoni tal-kapaċitajiet militari trid tiġi żviluppata f'sinerġija mal-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO (NDPP), skont il-prinċipju ta' sett uniku ta' forzi; jinnota li l-Unjoni Ewropea għandha rwol ewlieni fil-qafas regolatorju u fl-investimenti maħsuba biex jappoġġjaw il-kompetittività industrijali, l-iżvilupp teknoloġiku u l-loġistika tad-difiża Ewropea; jitlob, għalhekk, biex tiġi żgurata koerenza sħiħa bejn l-objettivi tal-kapaċità tan-NATO u tal-istrumenti Ewropej, inkluż il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-PESCO, il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP), l-Aġenda ReArm Europe u l-istrument finanzjarju l-ġdid SAFE, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u t-telf tar-riżorsi;

Or. it

Emenda 100
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jisħaq li l-istandardizzazzjoni

tibqa' pilastru kruċjali tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO biex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-komplementarjetà tal-isforzi, u l-użu effiċjenti tar-riżorsi, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn; jirrikonoxxi r-rwol ewlieni tan-NATO fl-istabbiliment ta' standards militari permezz ta' Ftehimiet ta' Standardizzazzjoni (STANAGs) u jilqa' l-fatt li s-Segretarju Ġenerali tan-NATO ħareġ sett ta' STANAGs mhux klassifikati lill-Kummissjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), li jsaħħaħ it-trasparenza u l-allinjament prattiku bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet;

Or. en

Emenda 101
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissimplifikaw u jarmonizzaw ir-regoli dwar il-produzzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, it-trasferiment, il-mobbiltà militari u l-manutenzjoni tat-tagħmir u tas-sistemi ta' difiża, sabiex jinbena settur industrijali Ewropew kompetittiv, reżiljenti u integrat, li jkun kapaċi jappoġġja l-impenji finanzjarji li jirriżultaw mill-mira l-ġdida ta' nefqa fid-difiża (3,5 % tal-PDG sal-2035) u jiżgura prontezza operazzjonali akbar u interoperabbiltà sħiħa u effettiva bejn l-Unjoni u n-NATO;

Or. it

Emenda 102
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Ifakkar li l-Artikolu 5 tat-Trattat tan-NATO ġie invokat għall-ewwel u l-unika darba mill-Istati Uniti wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001; ifakkar ukoll fis-solidarjetà murija mill-alleati tal-UE fl-appoġġ tagħhom lill-Istati Uniti fil-ġlieda globali kontra t-terroriżmu, u jissottolinja l-prezz uman sinifikanti mġarrab mill-Istati Membri tal-UE fit-twettiq tal-impenji tagħhom fl-ambitu tad-difiża kollettiva tan-NATO;

Or. en

Emenda 103
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-bżonn tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża tal-UE	Il-bżonn tas-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża tal-UE

Or. en

Emenda 104
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-	7. Jilqa' l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-

PSDK tagħha, ***anki*** permezz ta' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi; josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija;	PSDK tagħha, ***anke*** permezz ta' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi; josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija; ***tali sħubijiet iridu jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali, l-istandards tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, l-impenji ta' nonproliferazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà;***

Or. en

Emenda 105
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-PSDK tagħha, ***anki*** permezz ta' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi; josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija;	7. Jilqa' l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-PSDK tagħha, ***anke*** permezz ta' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi; josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija; ***jitlob li dawn is-sħubijiet jinkludu kooperazzjoni industrijali strutturata bil-għan li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni bbażati fl-UE għal assi ewlenin tal-produzzjoni tad-difiża bħala parti mit-tisħiħ tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea;***

Or. en

Emenda 106
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' ***l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-PSDK tagħha, anki permezz ta'*** sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża ***kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi***; ***josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija***;	7. Jilqa' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża ***meta dawn jagħtu riżultati konkreti u li jistgħu jitkejlu***; ***jinsisti li l-kooperazzjoni kollha tkun ibbażata fuq ir-reċiproċità, legalment soda u soġġetta għal valutazzjonijiet sistematiċi ex ante tar-riskju u tal-kostijiet u l-benefiċċji***;

Or. en

Emenda 107
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jilqa' l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-PSDK tagħha, ***anki*** permezz ta' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi; josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija;	7. Jilqa' l-fatt li l-UE qiegħda tafferma lilha nnifisha bħala sieħba affidabbli fil-qasam tas-sigurtà globali billi ssaħħaħ il-PSDK tagħha, ***anke*** permezz ta' sħubijiet reċiprokament vantaġġużi għas-sigurtà u d-difiża kif ukoll djalogi bilaterali u multilaterali aktar approfonditi; josserva li s'issa hemm fis-seħħ sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' tmien pajjiżi u oħrajn qegħdin fil-fażi tat-tħejjija***, inkluż mal-Iżlanda***;

Or. en

Emenda 108

Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-iffirmar tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Moldova fil-21 ta' Mejju 2024, waqt it-tmien Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-Moldova u l-UE, filwaqt li jinnota li l-Moldova hija l-ewwel pajjiż li daħal f'tali sħubija mal-Unjoni Ewropea; jissottolinja li din is-sħubija ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE u tal-Moldova kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u twessa' l-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin bħall-missjonijiet u l-operazzjonijiet ċivili u militari tal-UE, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni u d-diżarm; jinkoraġġixxi l-iżvilupp kontinwu ta' din is-sħubija bħala mudell għall-kooperazzjoni futura tal-UE fis-sigurtà u d-difiża ma' pajjiżi sħab oħra;

Or. en

Emenda 109
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-fondi Ewropej għad-difiża ma għandhomx iwasslu għall-mutwalizzazzjoni tal-infiq militari jew trasferimenti indiretti bejn l-Istati Membri, peress li kull wieħed jeħtieġlu jżomm sovranità sħiħa fuq il-baġit tad-difiża tiegħu; l-Istati Membri jistgħu jinkludu klawżoli biex jipproteġu l-industriji nazzjonali tad-difiża tagħhom,

	bħal mekkaniżmi kontra l-kompetizzjoni inġusta, il-prijoritizzazzjoni tal-kumpaniji nazzjonali, u t-titjib tal-koordinazzjoni amministrattiva; L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu prijorità strateġika lil proġetti żviluppati primarjament fit-territorju tagħhom li jsaħħu d-difiża nazzjonali u l-bażi teknoloġika tagħhom, f'konformità mal-objettivi komuni tal-UE u awtonomija strateġika Ewropea limitata għall-kapaċità operazzjonali u ta' rispons fin-NATO;

Or. en

Emenda 110
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;	8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet; ***jistieden lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni tagħti valutazzjoni regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża;***

Or. en

Emenda 111
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;	8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet; ***jisħaq fuq l-importanza li, permezz ta' sħubijiet strateġiċi, tiġi żgurata provvista affidabbli ta' materja prima kritika li hija vitali għad-difiża Ewropea;***

Or. en

Emenda 112
Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;	8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli ***u stadji importanti b'dati miftiehma***; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;

Or. en

Emenda 113
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li ***dan il-qafas*** ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;	8. Jemmen li ***l-qafas*** ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa ***dwar is-sigurtà u d-difiża*** u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-Sħubijiet;

Or. en

Emenda 114
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;	8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ tar-riżultati, rieżamijiet bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid ***ta' diversi dominji*** u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet;

Or. it

Emenda 115
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ ***tar-riżultati***, rieżamijiet ***bilaterali u djalogu dwar il-perċezzjonijiet tat-theddid u l-interessi reċiproċi, li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tas-sħubijiet***;	8. Jemmen li dan il-qafas ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża qiegħed jagħti impetu ġdid lid-djalogi li għaddejjin bħalissa u lill-kooperazzjoni prattika; jisħaq fuq l-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli; jisħaq fuq il-bżonn ta' monitoraġġ ***robust ibbażat fuq ir-riżultati***, rieżamijiet ***konġunti perjodiċi, u klawżoli ta' ħruġ ċari, inkluża s-sospensjoni fejn ma jintlaħqux parametri referenzjarji legali, politiċi jew tad-drittijiet tal-bniedem***;

Or. en

Emenda 116
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jissottolinja li s-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża jinkludu kooperazzjoni mal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), peress li huma maħsuba biex joħolqu sinerġiji, itejbu l-interoperabbiltà, u jsaħħu l-kapaċitajiet ġenerali ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni; jenfasizza r-rwol importanti li għandhom il-missjonijiet tal-PSDK u l-istrumenti relatati mal-missjonijiet fl-Ukrajna, il-Moldova, u l-Georgia, fl-appoġġ tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, ir-reżiljenza, u l-istabbiltà fil-viċinat tal-UE; jesprimi tħassib serju li r-Russja, wara aktar minn ħmistax-il sena mill-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tal-2008, irrifjutat li

tirrispetta l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM), u tkompli timblokka l-aċċess tagħha għar-reġjuni tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/l-Ossezja t'Isfel;

Or. en

Emenda 117
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jissottolinja r-rilevanza kontinwa tal-inizjattiva tas-Sħubija għall-Paċi (PfP) tan-NATO bħala pjattaforma ewlenija għal kooperazzjoni prattika ma' pajjiżi sħab fiż-żona Ewro-Atlantika; jisħaq li diversi sħab tal-PfP, inklużi l-Georgia u l-Ażerbajġan, għandhom rwol importanti fil-kontribut għas-sigurtà reġjonali, il-konnettività tal-enerġija, u l-istabbiltà Ewro-Atlantika; jenfasizza li oqfsa ta' kooperazzjoni bħall-PfP huma komplementari għas-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża tal-UE, u li allinjament aktar strett bejn l-attivitajiet tal-PfP u s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jista' jiġġenera koerenza, interoperabbiltà u reżiljenza akbar fil-viċinat usa' tal-UE;

Or. en

Emenda 118
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u	9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u

n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anki*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;	n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anke*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta; ***jenfasizza li l-kooperazzjoni industrijali għandha tagħti prijorità lil proġetti li jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika u r-reżiljenza, filwaqt li tiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-investimenti madwar l-Istati Membri, b'attenzjoni partikolari għan-naħa tal-Lvant;***
	Or. en

Emenda 119
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anki*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;	9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anke*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta; ***jinsisti li l-implimentazzjoni tas-sħubija fl-industrija u l-kapaċitajiet tad-difiża għandha tinkludi salvagwardji biex jiġi evitat il-ħolqien ta' dipendenzi strateġiċi ġodda minn fornituri ta' pajjiżi terzi u jiġu protetti t-teknoloġiji u d-data sensittivi;***
	Or. en

Emenda 120
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anki*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;	9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anke*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta; ***iħeġġeġ ukoll lill-UE tiffirma ftehimiet simili ma' alleati oħrajn, inklużi dawk li ma humiex membri tan-NATO, bħall-Ukrajna u Iżrael;***

Or. sv

Emenda 121
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anki*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;	9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja, mar-Renju Unit u mal-Kanada, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anke*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, ***it-theddid ċibernetiku u ibridu, is-sigurtà marittima u*** biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;

Or. en

Emenda 122
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Christophe Bay, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja***,*** mar-Renju Unit ***u mal-Kanada***, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anki*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;	9. Jisħaq fuq l-importanza strateġika u n-natura prijoritarja tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati man-Norveġja ***u*** mar-Renju Unit, ilkoll alleati fin-NATO u sħab kruċjali tal-UE fil-qasam tad-difiża ***fl-Ewropa***; jinkoraġġixxi li jiġu approfonditi dawn is-sħubijiet, ***anke*** fil-qasam tal-industrija tad-difiża, biex jiġu żviluppati kapaċitajiet militari konġunti u titħeġġeġ kollaborazzjoni aktar stretta;

Or. en

Emenda 123
Yannis Maniatis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-pajjiżi terzi li jmorru kontra l-interessi ta' difiża u sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jheddu direttament is-sovranità tal-Istati Membri tal-UE, ma jirrispettawx id-dritt internazzjonali u jokkupaw parti mit-territorju tagħhom ma jistgħux jitqiesu bħala sħab possibbli għas-sigurtà u d-difiża u ma jistgħux jipparteċipaw fi proġetti Industrijali tad-Difiża tal-UE jew fi kwalunkwe Arkitettura ta' Difiża futura tal-UE bl-ebda mod;

Or. en

Emenda 124
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Christophe Bay, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; ***itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati*** Uniti ***u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, anki billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża***;	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; ***jisħaq, madankollu, li l-Istati Uniti jistennew li l-Ewropa tassumi r-responsabbiltà sħiħa għad-difiża konvenzjonali tagħha stess u, f'diversi okkażjonijiet, wissew lill-alleati Ewropej biex ma jagħmlux suppożizzjonijiet pożittivi dwar il-preżenza fit-tul tal-Amerka fl-Ewropa; jisħaq li l-approċċ attwali ta' "negozju kontra s-sigurtà" u l-integrazzjoni kontinwa tal-industrija tad-difiża Ewropea u l-akkwist ma' ditti u prodotti militari Amerikani mhumiex koerenti mal-objettivi ddikjarati tal-Istati*** Uniti ***u mal-ambizzjoni tal-Ewropa stess li tiżviluppa pilastru awtonomu fin-NATO; jisħaq ukoll li l-preżenza Amerikana fl-Ewropa mhux se tinżamm permezz tax-xiri ta' aktar sistemi ta' armi jew idrokarburi Amerikani, peress li l-"Pern għall-Asja" strateġiku tagħhom huwa inevitabbli, u jissottolinja li, jekk ma tiġix aġġustata fil-ħin, din l-istrateġija se ddgħajjef is-sigurtà fit-tul tal-Ewropa fil-konfront ta' atturi ostili, inkluża r-Russja***;

Or. en

Emenda 125
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anki*** billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża;	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anke*** billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża; ***jinsisti li din il-kooperazzjoni trid tkun ibbażata fuq rispett reċiproku għall-multilateraliżmu, id-dritt internazzjonali, u impenn kondiviż lejn il-valuri demokratiċi, u ma tridx tikkompromietti l-awtonomija strateġika Ewropea jew twassal għal dipendenzi li jistgħu jdgħajfu l-kapaċità tal-UE li ssegwi politika barranija indipendenti;***

Or. en

Emenda 126
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; ***jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid***; itenni l-	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; ***jenfasizza r-relazzjoni storika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, u jfakkar fir-rwol ċentrali***

importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anki*** billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża;	***li kellhom l-Istati Uniti fl-appoġġ tal-ħolqien tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li stabbiliet il-pedamenti għall-Unjoni Ewropea***; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anke*** billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża;
	Or. en

Emenda 127
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anki*** billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża;	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anke*** billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża; ***jinsisti li kwalunkwe qafas formali jrid jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi legali tal-Unjoni u jiżgura r-reċiproċità għall-aċċess għas-suq, u l-istandards u d-dixxiplini tal-kontroll tal-esportazzjoni;***
	Or. en

Emenda 128
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ***ta' importanza kruċjali*** għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***anki billi*** jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża;	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ***pedament*** għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti***, li jkun allinjat mal-interessi u l-valuri tal-UE, u jippromwovi ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli***; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż, ***filwaqt li jiġu esplorati l-possibbiltajiet biex*** jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża;

Or. en

Emenda 129
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ***ta' perċezzjoni komuni*** tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż***, anki billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża***;	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li jiġi eżaminat il-ħolqien ta' sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ***kooperazzjoni dwar il-perċezzjonijiet*** tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna mal-Istati Uniti u jitlob li tiġi approfondita din il-kooperazzjoni b'mod reċiprokament vantaġġuż;

Or. en

Emenda 130
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li ***jiġi eżaminat il-ħolqien ta'*** sħubija ***formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Istati Uniti; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' djalogu kostanti u ta' perċezzjoni komuni tat-theddid; itenni l-importanza strateġika tas-sħubija tagħna*** mal-Istati Uniti ***u jitlob li tiġi approfondita din*** il-kooperazzjoni ***b'mod reċiprokament vantaġġuż, anki billi jinstabu l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni bejn l-industriji tad-difiża***;	10. Jissottolinja li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti tibqa' ta' importanza kruċjali għas-sigurtà u d-difiża Ewropej; jisħaq fuq l-importanza li ***tinżamm*** sħubija ***ta' sigurtà stretta, pragmatika u flessibbli*** mal-Istati Uniti ***bbażata primarjament fuq*** il-kooperazzjoni ***tan-NATO, filwaqt li jiġi evitat il-ħolqien ta' strutturi ta' difiża paralleli bejn l-UE u l-Istati Uniti; jissottolinja l-kontradizzjoni bejn il-prinċipju "Nixtru Prodotti Ewropej" u l-espansjoni tal-kollaborazzjoni industrijali mal-Istati Uniti***;

Or. en

Emenda 131
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli;	***imħassar***

jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;

Or. en

Emenda 132
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna; ***jissottolinja l-ħtieġa li l-għarfien espert u l-kapaċità industrijali tal-Ukrajna, b'mod partikolari fl-oqsma tal-gwerra, is-sistemi bla***

ekwipaġġ, id-difiża bid-drones u l-gwerra elettronika, jiġu integrati b'mod sistematiku fil-kooperazzjoni Ewropea għad-difiża, sabiex jittieħdu tagħlimiet mill-esperjenza operattiva tal-Ukrajna, jiġu aċċelerati l-innovazzjonijiet teknoloġiċi u tissaħħaħ il-bażi industrijali komuni; jitlob f'dan ir-rigward li jinħolqu mekkaniżmi li jintegraw intrapriżi Ukreni fi programmi ta' difiża tal-UE u proġetti konġunti ta' riċerka u żvilupp fl-ambitu tal-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni;

Or. de

Emenda 133
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna ***hija prijorità***; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna ***għandha sseħħ f'kundizzjonijiet ta' allinjament mal-istandards Ewropej, inklużi n-normi, l-awditi u t-trasparenza, u f'oqfsa kuntrattwali u regolatorji li jiżguraw l-eliġibbiltà legali, il-garanziji u l-konformità***; jisħaq fuq l-importanza tas-

sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna***, dment li kwalunkwe allokazzjoni ta' tali assi ffriżati tkun preċeduta minn valutazzjoni legali komprensiva, l-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv Ewropew u l-istabbiliment ta' fond ta' ġestjoni trasparenti soġġett għal sorveljanza ġudizzjarja u parlamentari***;

Or. en

Emenda 134
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu ***tal-assi*** Russi ffriżati ***biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna***;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu ***tad-dħul li ġej minn assi*** Russi ffriżati***, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, biex jappoġġja l-irkupru u r-reżiljenza tal-Ukrajna, filwaqt li jiżgura l-obbligu ta' rendikont għad-delitti tal-gwerra, il-protezzjoni tal-***

persuni ċivili u l-ġestjoni trasparenti tal-fondi;

Or. en

Emenda 135
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu*** garanziji ta' sigurtà ***sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li*** kooperazzjoni ***aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna***; ***jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;***	11. ***Jappella għal appoġġ diplomatiku għall-Ukrajna biex tikseb paċi dejjiema f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti; ifakkar li l-adeżjoni tibqa' proċess kundizzjonali bbażat fuq il-mertu, iggwidat mill-kriterji ta' Copenhagen; jissottolinja li kwalunkwe miżura tal-UE trid tibqa' taħt il-kompetenzi tal-Unjoni u tevita li timplika*** garanziji ta' sigurtà ***li jmorru lil hinn mit-Trattati; jappella għal*** kooperazzjoni ***intensifikata mas-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna fuq termini ta' benefiċċju reċiproku, trasparenti u responsabbli***;

Or. en

Emenda 136
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE ***u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni***; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; ***jinkoraġġixxi l-użu*** tal-assi Russi ffriżati ***biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna***;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; ***jesprimi tħassib, madankollu, dwar il-qafas propost bħalissa għall-użu*** tal-assi Russi ffriżati***, peress li dan ikun ifisser dejn tal-Istati Membri u tal-Euroclear mar-Russja, jiddestabbilizza l-istabbiltà finanzjarja taż-Żona tal-Euro, u jwassal għat-telf ta' lieva ta' negozjar kritika li tista' tappoġġja lill-Ukrajna fi kwalunkwe ftehim ta' paċi futur***;

Or. en

Emenda 137
Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli

kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna; ***jissottolinja l-importanza li wieħed juża b'mod sistematiku t-tagħlimiet miksuba mill-esperjenza operazzjonali tal-Ukrajna, b'mod partikolari fid-droni/is-sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord u l-gwerra elettronika;***
	Or. en

Emenda 138
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali

tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; ***jinkoraġġixxi l-użu*** tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE ***u tal-impenji konġunti ta' sigurtà ta' 9 punti bejn l-UE u l-Ukrajna*** fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; ***itenni l-appell tiegħu għall-użu urġenti*** tal-assi Russi ffriżati ***permezz ta' self marbut mar-reparazzjonijiet*** biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;
	Or. en

Emenda 139
Jorge Buxadé Villalba, György Hölvényi, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE ***u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni***; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; ***jilqa' l-isforzi diplomatiċi mmexxija mill-amministrazzjoni Trump, kif ukoll mill-Gvern Ungeriż, li qed ifittxu li jiksbu paċi stabbli u dejjiema fl-Ukrajna;*** jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;
	Or. en

Emenda 140
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità ***u t-tagħlimiet miksuba fl-Ukrajna jappoġġjaw l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' tagħmir Ewropew***; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;

Or. en

Emenda 141
Petras Auštrevičius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda

sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; ***itenni l-importanza li nitgħallmu mill-esperjenza tal-Ukrajna fil-gwerra moderna bid-droni;*** jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;
	Or. en

Emenda 142
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; ***jisħaq fuq l-importanza li tiġi esplorata l-possibbiltà li tinħoloq sħubija formali għas-sigurtà u d-difiża mal-Ukrajna;*** jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta'

naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;

sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;

Or. en

Emenda 143
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi r-rebħa tal-pajjiż mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri min-naħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna***, b'rispett tad-dritt internazzjonali***;

Or. it

Emenda 144
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi ***r-rebħa tal-pajjiż*** mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;	11. Jisħaq fuq il-fatt li, mingħajr sigurtà fl-Ukrajna, ma jista' jkun hemm l-ebda sigurtà fl-Ewropa; jafferma li l-Ukrajna hija sieħba strateġika prijoritarja għall-UE u qiegħda tipprepara ruħha biex tieħu postha bħala membru tal-Unjoni; itenni li l-UE se tipprovdi appoġġ sostenibbli kontinwu lill-Ukrajna, b'dak kollox li hemm bżonn biex tiggarantixxi ***t-tmiem tal-kunflitt*** mill-aktar fis possibbli; jinsisti li l-UE jeħtiġilha tikkontribwixxi biex jinkisbu garanziji ta' sigurtà sodi u sostnuti ġuridikament favur l-Ukrajna, bil-għan li tiskoraġġixxi aggressjonijiet ulterjuri minnaħa tar-Russja; jenfasizza li kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u s-settur industrijali tad-difiża tal-Ukrajna hija prijorità; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet tal-UE fil-koordinament tal-assistenza lill-Ukrajna; jinkoraġġixxi l-użu tal-assi Russi ffriżati biex tiġi appoġġjata l-Ukrajna;

Or. it

Emenda 145
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw b'mod attiv mal-Ukrajna u jistabbilixxu sinerġiji magħha, b'mod partikolari fl-oqsma tad-difiża tal-ajru u kontra l-missili u tal-gwerra bid-droni u kontra d-droni, filwaqt li jirrikonoxxu l-għarfien espert operazzjonali innovattiv u

l-kapaċitajiet avvanzati tagħha, u b'hekk isaħħu kemm il-kapaċitajiet difensivi tal-UE kif ukoll dawk Ukreni;

Or. en

Emenda 146
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifaħħar il-konklużjoni tas-Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża bejn l-UE u l-Moldova fil-21 ta' Mejju 2024 b'enfasi fuq il-ġlieda kontra t-theddid ibridu;

Or. en

Emenda 147
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun;	12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun; ***jenfasizza li l-isfidi tas-sigurtà fir-reġjun Ewro-Atlantiku u dak Indo-Paċifiku huma marbuta mill-qrib ma' xulxin;***

Or. en

Emenda 148
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u ***jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami*** ta' sħubijiet ***ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun***;	12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u ***jappoġġja l-esplorazzjoni*** ta' sħubijiet ***meta dawn imexxu 'l quddiem b'mod ċar l-interessi tas-sigurtà tal-UE, soġġetti għal valutazzjonijiet ġeopolitiċi, legali u tal-impatt fuq ir-riżorsi bir-reqqa u mingħajr estensjoni strateġika żejda lil hinn mit-teatri prijoritarji tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 149
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun;	12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun; ***jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża mat-Tajwan;***

Or. en

Emenda 150
Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun;	12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun***, b'mod partikolari New Zealand***;

Or. en

Emenda 151
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun;	12. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-sħubijiet tal-UE mal-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħall-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea, li diġà ffirmaw sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, u jinkoraġġixxi l-konklużjoni rapida tan-negozjati mal-Awstralja u l-eżami ta' sħubijiet ulterjuri ma' pajjiżi oħra fir-reġjun***, bħat-Tajwan***;

Or. sv

Emenda 152
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa f'livelli differenti u f'diversi formati dwar is-sigurtà tal-enerġija, il-konnettività, u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika ma' pajjiżi mill-Kawkasu u l-Asja Ċentrali; jinnota l-importanza strateġika ta' dawn ir-reġjuni għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, l-iżvilupp ta' kurituri tat-trasport siguri, u t-tisħiħ tar-reżiljenza ġenerali tal-Ewropa; jinkoraġġixxi lill-Unjoni Ewropea tapprofondixxi d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni prattika mal-pajjiżi f'dawn ir-reġjuni, inkluż permezz ta' oqfsa eżistenti bħall-Global Gateway u inizjattivi ta' sigurtà reġjonali;

Or. en

Emenda 153
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed għas-sigurtà Ewropea; jappella għal kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża mal-istati tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed u għall-iżvilupp ta' strateġija komprensiva tal-UE għas-sigurtà tal-Baħar l-Iswed; jappoġġja żieda fl-investiment tal-UE fil-kapaċitajiet navali tal-Baħar l-Iswed, id-difiża kostali, u l-għarfien dwar iż-żona marittima; jappella għal kooperazzjoni aktar stretta mas-sħab inklużi l-Georgia u l-Moldova biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni tas-sigurtà fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

Or. en

Emenda 154
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE; ***jisħaq f'dan il-kuntest li dawn is-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ġodda għandhom ikunu ffukati fuq pajjiżi sħab li żviluppaw teknoloġiji eċċellenti, li huma sistemi ta' difiża avvanzati effettivi u li wrew kompetenza fil-ġlieda kontra mudelli ġodda ta' gwerra, b'mod partikolari fil-qasam tas-seba' Oqsma Kritiċi ta' Kapaċità ta' Difiża stabbiliti mill-White Paper għad-Difiża Ewropea li fihom l-UE qed tbati minn lakuni importanti; jenfasizza li l-formazzjoni ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ġodda għandha tibbaża fuq ir-riżultat ta' sħubijiet bilaterali għas-sigurtà u d-difiża li diġà jeżistu bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi sħab ewlenin li huma ta' valur miżjud u ta' importanza kritika għas-sigurtà tal-Ewropa;***

Or. en

Emenda 155
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE; ***jenfasizza li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Indja fl-oqsma tas-sigurtà, id-difiża u l-kummerċ huwa fl-interess reċiproku, iżda fl-istess ħin jitlob li l-Indja tieħu pożizzjoni ċara fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna; jappella lill-Indja tieħu miżuri effettivi biex tipprevjeni ċ-ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli fuq l-esportazzjonijiet mill-ġdid ta' prodotti sanzjonati, żieda fit-trasparenza fl-importazzjonijiet tal-enerġija u s-sospensjoni tal-kooperazzjoni militari mar-Russja;***

Or. de

Emenda 156
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, ***flimkien ma' sħubija għas-sigurtà u d-difiża eżistenti mal-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija,*** kif ukoll ***jesploraw possibbiltajiet ta' kooperazzjoni speċifika***

f'xi oqsma mmirati mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE***, u abbażi ta' impenji ċari li jkunu reċiprokament vantaġġużi***;

Or. en

Emenda 157
Yannis Maniatis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll ***mat-Turkija,*** mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE; ***jissottolinja li prekundizzjoni għal kwalunkwe kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati tal-UE se tkun l-allinjament totali mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE;***

Or. en

Emenda 158
Marie-Agnes Strack-Zimmermann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab

oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera ***u*** mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, ***mal-Indja u*** mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;

oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera***,*** mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent ***u mal-Indja***, kif ukoll mat-Turkija, mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE; ***iħeġġeġ ukoll l-esplorazzjoni ta' shubijiet possibbli ma' pajjiżi tal-Amerka Latina;***

Or. en

Emenda 159
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra***, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani*** li ***huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE***;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra ***tal-istess fehma*** li ***jaqsmu l-valuri tagħna u li huma impenjati li jżommu ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli***;

Or. en

Emenda 160
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u

mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, ***kif ukoll mat-Turkija,*** mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà ***tal-fruntieri*** tal-UE;	mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani***, bħal Iżrael,*** li huma kruċjali għas-sigurtà tal-UE***, inkluża s-sigurtà tal-fruntieri tagħha***;

Or. en

Emenda 161
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, ***membru tan-NATO,*** mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;

Or. en

Emenda 162
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li

huma kruċjali ***għas-sigurtà*** tal-fruntieri tal-UE;	huma kruċjali ***biex jinfurzaw is-sigurtà*** tal-fruntieri tal-UE;

Or. en

Emenda 163
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u ***lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija*** għas-sigurtà u d-difiża ***ma' sħab oħra***, b'mod partikolari mal-Iżvizzera ***u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE***;	13. Jistieden lill-Istati Membri u ***lis-SEAE jagħtu prijorità lis-sħubija*** għas-sigurtà u d-difiża ***b'rilevanza immedjata għas-sigurtà Ewropea***, b'mod partikolari mal-Iżvizzera***, u jqisu kwalunkwe sħubija addizzjonali biss wara valutazzjoni trasparenti tal-ħtiġijiet, ir-riskji u r-riżorsi, filwaqt li jiżguraw il-komplementarjetà mal-formati reġjonali eżistenti***;

Or. en

Emenda 164
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani ***li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE***;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mat-Turkija, mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani;

Or. en

Emenda 165
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw ***il-ħolqien*** ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll ***mat-Turkija,*** mal-Indja u ***mal-pajjiżi*** tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw ***l-istabbiliment*** ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera***, Iżrael*** u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mal-Indja u ***pajjiżi*** tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;

Or. sv

Emenda 166
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll ***mat-Turkija,*** mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;

Or. en

Emenda 167
Jorge Buxadé Villalba, Pierre-Romain Thionnet, Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll ***mat-Turkija,*** mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;

Or. en

Emenda 168
Geadis Geadi, Marion Maréchal, Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll ***mat-Turkija,*** mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;	13. Jistieden lill-Istati Membri u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ikomplu jeżaminaw il-ħolqien ta' sħubija għas-sigurtà u d-difiża ma' sħab oħra, b'mod partikolari mal-Iżvizzera u mal-pajjiżi kandidati tal-UE fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mal-Indja u mal-pajjiżi tal-Afrika u tal-Lvant Nofsani li huma kruċjali għas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE;

Or. en

Emenda 169

Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu stabbiliti Sħubijiet Strutturati għas-Sigurtà u d-Difiża mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari l-Bożnija-Ħerzegovina, biex tissaħħaħ l-istabbiltà reġjonali, jiġi miġġieled it-theddid ibridu u tissaħħaħ l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea fil-viċinat immedjat tal-Unjoni; jenfasizza li tali sħubijiet għandhom jibnu fuq l-impenn eżistenti tal-PSDK fir-reġjun, inkluż l-EUFOR ALTHEA, id-djalogi politiċi u ta' sigurtà, u l-parteċipazzjoni konġunta fil-missjonijiet tal-UE, filwaqt li jipprovdu qafas aktar strateġiku u fit-tul għall-kooperazzjoni f'oqsma bħar-reżiljenza ċibernetika, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, u l-bini tal-kapaċitajiet ta' difiża;

Or. en

Emenda 170
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tesplora l-possibbiltà li testendi s-sħubijiet strateġiċi tagħha għal sħab oħra tal-istess fehma, bħall-Amerka Latina; jissottolinja li l-ftehim iffirmat fl-24 ta' Settembru 2025 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ekwador jikkostitwixxi l-ewwel pass lejn kooperazzjoni aktar stretta ma' reġjun ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 171
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti Shubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża ma' stati tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, inklużi t-Turkija, il-Georgia u l-Ażerbajġan, kif ukoll ma' pajjiżi tal-Asja Ċentrali, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-enerġija, il-konnettività, l-infrastruttura tat-trasport, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-istabbiltà reġjonali;

Or. en

Emenda 172
Geadis Geadi, Marion Maréchal, Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li s-shubijiet għas-sigurtà u d-difiża jridu jiġu konklużi biss ma' shab li ma jaġixxux kontra l-interessi u s-sigurtà tal-Unjoni u li jirrispettaw bis-shiħ is-sovranità, l-integrità territorjali u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri tal-UE;

Or. en

Emenda 173
Geadis Geadi, Marion Maréchal, Galato Alexandraki, Emmanouil Fragkos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jistieden lis-SEAE jinkludi kundizzjonalità ċara u klawżola ta' rieżami perjodiku fis-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża kollha, li tipprevedi s-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-kooperazzjoni f'każ ta' ksur tal-prinċipji fundamentali li fuqhom hija bbażata l-kooperazzjoni fis-sigurtà, inkluż ir-rispett għas-sovranità u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri kollha tal-UE u l-allinjament mal-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 174
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jissottolinja l-ħtieġa ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ma' pajjiżi sħab mir-reġjun tal-Artiku biex japprofondixxu l-kollaborazzjoni u jindirizzaw sfidi komuni;

Or. en

Emenda 175
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jisħaq li l-konnettività trid tiġi

	ttrattata bħala imperattiv għas-sigurtà, peress li r-rotot tat-trasport vulnerabbli, iċ-ċentri loġistiċi, u l-konnessjonijiet diġitali jistgħu jiġu sfruttati permezz ta' tattiċi ta' gwerra ibrida, inkluż is-sabotaġġ ta' kejbils taħt il-baħar, pipelines u infrastruttura kritika oħra; jenfasizza l-importanza strateġika tar-Rotta tat-Trasport Internazzjonali Trans-Kaspju bħala alternattiva sigura għaż-żewġ rotot tat-Tramuntana kkontrollati mir-Russja; jappella għall-iżvilupp ta' Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża mfassla apposta mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u tal-Kawkasu tan-Nofsinhar, inklużi l-Ażerbajġan, u l-Georgia, iffukati fuq il-protezzjoni ta' dan il-kuritur permezz ta' għarfien konġunt tas-sitwazzjoni, difiża ċibernetika msaħħa għaċ-ċentri loġistiċi, u kooperazzjoni kontra l-kuntrabandu; jissottolinja li l-iżgurar tar-Rotta tat-Trasport Internazzjonali Trans-Kaspju huwa direttament marbut mal-interessi strateġiċi tal-Ukrajna, peress li jevita t-territorju Russu, isaħħaħ id-diversifikazzjoni tal-enerġija u tal-katina tal-provvista, u se jkun essenzjali għar-rikostruzzjoni u r-reintegrazzjoni ekonomika tal-Ukrajna wara l-gwerra, ladarba l-kundizzjonijiet jippermettu dan;
	Or. en

Emenda 176
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-iżvilupp ***tas-sħubijiet*** multilaterali u man-Nazzjonijiet Uniti	L-iżvilupp ***ta' sħubijiet*** multilaterali ***oħra*** u man-Nazzjonijiet Uniti
	Or. en

Emenda 177
Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom;	14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom***, *inkluż permezz ta' ppjanar konġunt u proċessi mit-tagħlimiet meħuda*; *jappella għall-integrazzjoni sistematika tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari rigward il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva, u l-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti;***

Or. en

Emenda 178
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom;	14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom; ***jinsisti li l-kooperazzjoni trid tenfasizza ċ-***

ċarezza tal-mandat, il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem, it-trasparenza fiskali u strateġiji ta' ħruġ li jistgħu jitkejlu;

Or. en

Emenda 179
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom;	14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom; ***jitlob li l-funzjonament tan-NU jiġi riformat biex jiġi żgurat li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet ikunu effettivi u jkollhom l-effett mixtieq;***

Or. sv

Emenda 180
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi ***u l-Ġestjoni*** ta' Kriżijiet; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom;	14. Jisħaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika NU-UE dwar l-Operazzjonijiet ta' Paċi***, il-Ġestjoni*** ta' Kriżijiet ***u l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà***; jilqa' l-prijoritajiet il-ġodda tas-Sħubija Strateġika UE-NU għall-perjodu 2025-2028 u jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar koerenza bejn il-

missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u tan-NU, kif ukoll tal-effikaċja tagħhom;

Or. en

Emenda 181
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika;	15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika; ***jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' strateġija ta' sħubija ddedikata għall-Amerka Latina, b'mod partikolari permezz tal-Alleanza tal-Paċifiku u s-CELAC, bil-għan li tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista kritiċi, trawwem il-kooperazzjoni teknoloġika, tippromwovi l-edukazzjoni u t-taħriġ, u ssaħħaħ l-azzjoni konġunta kontra l-kriminalità tranżnazzjonali;***

Or. en

Emenda 182
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika;	15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika; ***jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni mas-sħab tal-Amerka Latina fl-indirizzar tal-kriminalità organizzata internazzjonali, it-traffikar tranżnazzjonali, it-theddid ibridu u s-sigurtà marittima, kif ukoll fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika u l-istabbiltà reġjonali;***
	Or. en

Emenda 183
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività	15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku ***bħall-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet kriminali***

diplomatika;	***tranżnazzjonali*** permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika; ***jinnota li l-instabbiltà fir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq toħloq theddida potenzjali għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea;***

Or. en

Emenda 184
Jorge Buxadé Villalba, Pierre-Romain Thionnet, György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika;	15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika; ***jisħaq li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-immigranti illegali jridu jkun kundizzjonali fuq il-kooperazzjoni tagħhom biex irażżnu l-flussi migratorji u jiffaċilitaw ir-ritorni;***

Or. en

Emenda 185
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika;	15. Josserva li l-UE u l-Unjoni Afrikana għandhom sħubija strateġika bejniethom, b'mod partikolari fil-qasam tal-paċi u tas-sigurtà; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu approfonditi s-sħubijiet strateġiċi mal-organizzazzjonijiet reġjonali l-oħra, fosthom l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Lega tal-Istati Għarab***, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf*** u l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, f'oqsma ta' interess reċiproku permezz ta' inizjattivi konġunti, djalogu u aktar attività diplomatika;
	Or. en

Emenda 186
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jappella għat-tisħiħ tad-dimensjoni operazzjonali tal-kooperazzjoni tal-UE fis-sigurtà u d-difiża mas-sħab fil-Viċinat tan-Nofsinhar, b'mod partikolari fil-Mediterran, b'enfasi fuq is-sigurtà marittima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, bl-impenji stabbiliti fil-Patt għall-Mediterran bħala bażi biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni fis-sigurtà mas-sħab Mediterranji; jissottolinja li l-instabbiltà fir-reġjun għandha impatt dirett fuq is-sigurtà interna tal-Unjoni u għalhekk tirrikjedi rispons aktar strateġiku u kkoordinat;
	Or. en

Emenda 187
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet;	16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jissimplifikaw aktar il-proċeduri amministrattivi biex jiżguraw parteċipazzjoni aktar rapida u flessibbli tas-sħab fdati, b'mod partikolari fit-taħriġ, il-bini tal-kapaċitajiet u l-missjonijiet ta' rispons għall-kriżijiet;***

Or. en

Emenda 188
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet;	16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet; ***jissottolinja li l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-PSDK għandha tkun soġġetta għal skrutinju parlamentari robust u kundizzjonijiet ċari dwar is-sigurtà tad-data, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-kontrolli tal-esportazzjoni;***

Or. en

Emenda 189
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet;	16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet; ***jisħaq li dawn is-sħab jeħtieġ li jsostnu l-valuri tagħna u jaqsmu l-interessi tagħna;***

Or. en

Emenda 190
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet;	16. Jenfasizza li l-approċċ integrat tal-UE fil-konfront tal-PSDK jinkludi l-oqfsa ġuridiċi għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet reġjonali fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet ***tal-PSDK***;

Or. en

Emenda 191
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja ***r-rwol strateġiku tal-Faċilità*** Ewropea għall-Paċi (EPF) ***bħala***	17. Jissottolinja ***li l-Faċilità*** Ewropea għall-Paċi (EPF) ***tista' ssaħħaħ il-***

strument fundamentali fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u tad-difiża, fl-appoġġ għall-aspetti militari tal-operazzjonijiet ta' paċi ***kif ukoll għall-forniment ta' tagħmir lill-forzi armati tas-sħab tal-UE***;	***kapaċitajiet tas-sħab u tappoġġja l-operazzjonijiet*** ta' paċi ***meta tintuża f'konformità mal-bażi legali tagħha***; ***ifakkar fil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 41(2) tat-TUE rigward il-finanzjament mill-baġit tal-UE ta' operazzjonijiet militari u jappella għal trasparenza massima, mitigazzjoni tar-riskju u monitoraġġ tal-użu finali għal kwalunkwe assistenza, bi preferenza għal miżuri li jnaqqsu r-riskji ta' eskalazzjoni;***

Or. en

Emenda 192
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jitlob trasparenza sħiħa u skrutinju demokratiku tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF); jappoġġja l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' sorveljanza parlamentari biex jiżgura li l-assistenza kollha tkun konformi mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE 2008/944/PESK dwar il-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi u mad-dritt umanitarju internazzjonali;

Or. en

Emenda 193
Jorge Buxadé Villalba, Pierre-Romain Thionnet, György Hölvényi, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 194
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 195
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 196
Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 197
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 198
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jheġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 199
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jheġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	***imħassar***

Or. en

Emenda 200
Nathalie Loiseau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument ***biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jheġġeġ*** lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument ***inkluż permezz ta' azzjoni legali quddiem il-Qorti Ġenerali, kif ukoll l-imblukkar kontinwu tagħha tal-appoġġ tal-EPF lill-Armenja; iheġġeġ*** lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni

fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF; ***jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President issib soluzzjonijiet alternattivi biex tegħleb dan l-imblukkar;***

Or. en

Emenda 201
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF;	18. Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati Membri jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-imblokk irresponsabbli tal-EPF; ***jenfasizza li l-ebda pajjiż ma għandu jkun kapaċi jimblokka deċiżjonijiet importanti bħal dawn, u għalhekk għandu jiġi abolit id-dritt ta' veto fil-Kunsill Affarijiet Barranin;***

Or. sv

Emenda 202
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddeplora l-fatt li l-Ungerija qiegħda tkompli tostakola l-użu ta' dan l-istrument biex tingħata assistenza lill-Ukrajna u jħeġġeġ lill-Istati*** Membri ***jeżerċitaw b'mod attiv pressjoni fuq il-Gvern Ungeriż ħalli jġib fi tmiemu dan l-***	18. ***Ifakkar li d-deċiżjonijiet tal-EPF jittieħdu b'unanimità; iħeġġeġ djalogu kostruttiv fost l-Istati*** Membri ***biex jingħelbu d-differenzi u jiġi żgurat li l-istrumenti tal-Unjoni jintużaw b'mod effettiv u legali***;

imblokk irresponsabbli tal-EPF;

Or. en

Emenda 203
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' t-tisħiħ tan-network tal-konsulenti militari tas-SEAE fid-delegazzjonijiet tal-UE, billi jsaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet militari u ċivili tas-sħab;	19. Jilqa' t-tisħiħ tan-network tal-konsulenti militari tas-SEAE fid-delegazzjonijiet tal-UE, billi jsaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet militari u ċivili tas-sħab; ***jitlob li jiġu stabbiliti laqgħat ta' koordinazzjoni regolari fost dawn il-konsulenti biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki, jittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u titrawwem il-koerenza fl-azzjoni esterna tal-UE;***

Or. en

Emenda 204
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;	20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda; ***jissottolinja li d-dipendenza tal-Unjoni Ewropea miċ-Ċina għal materja prima kritika tirrappreżenta***

vulnerabbiltà ġeopolitika u ekonomika sinifikanti; jitlob għalhekk li tiġi żviluppata u implimentata strateġija Ewropea komprensiva għall-materja prima, li tkun tinkludi kemm l-iżvilupp responsabbli tar-riżorsi proprji fl-UE kif ukoll sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi terzi; jenfasizza li l-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista għall-materjali tal-art rari u materja prima kritika oħra huwa prerekwiżit bażiku għall-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Ewropa;

Or. de

Emenda 205
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;	20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda; ***jenfasizza li l-kooperazzjoni industrijali tad-difiża trid tiżgura standards ġusti tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, u drittijiet tal-ħaddiema fil-ktajjen kollha tal-provvista; jappella għal sorveljanza demokratika u trasparenza fis-sħubijiet tal-industrija tad-difiża;***

Or. en

Emenda 206
Ville Niinistö

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;	20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda; ***jisħaq li t-tisħiħ tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea jrid jikkonforma mal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, jiżgura t-trasparenza tar-riċerka b'użu doppju u jagħti prijorità lit-teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'livell baxx ta' emissjonijiet;***

Or. en

Emenda 207
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;	20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda; ***jirrikonoxxi li r-realizzazzjoni ta' suq uniku ġenwin għad-difiża hija deċiżiva u se ssaħħaħ il-kapaċitajiet militari tal-UE iżda wkoll l-***

awtonomija strateġika tagħha;

Or. en

Emenda 208
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi ***l-ħolqien ta' sħubijiet***; jenfasizza li biex ***dan l-objettiv jintlaħaq*** jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;	20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi ***l-involviment tal-UE ma' sħab tal-istess fehma***; jenfasizza li biex ***l-għanijiet proklamati tagħna jintlaħqu*** jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, ***tittejjeb u*** tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;

Or. en

Emenda 209
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;	20. Jinsisti fuq il-fatt li l-prontezza tad-difiża tal-UE 2030 tirrikjedi l-ħolqien ta' sħubijiet; jenfasizza li biex dan l-objettiv jintlaħaq jeħtieġ li jitqiegħdu fis-sigurtà l-ktajjen tal-provvista, inklużi tal-materja prima u tal-komponenti kritiċi, tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea ***(EDTIB)*** u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda;

Or. en

Emenda 210
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappella għas-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar għat-trasport u l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża fl-UE, li jagħtu lill-entitajiet ċertifikati li jipparteċipaw fi programmi ta' difiża ffinanzjati mill-Unjoni aċċess awtomatiku għal liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal trasferimenti intra-UE ta' munizzjon u komponenti relatati;

Or. en

Emenda 211
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	***imħassar***

Or. de

Emenda 212
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Christophe Bay, Matthieu Valet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jilqa' l-fatt*** li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; ***josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada***; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	21. ***Jesprimi tħassib serju dwar il-fatt*** li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; ***jisħaq li kwalunkwe aċċess għall-istrument SAFE mogħti lil pajjiż terz għandu neċessarjament jinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja proporzjonata għall-programm, kif propost fir-Regolament EDIP; ifakkar li, kif stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament SAFE, l-istrument għandu l-għan li "jwettaq investimenti pubbliċi urġenti u kbar b'appoġġ għall-industrija tad-difiża Ewropea"; iqis, f'dan ir-rigward, li l-estensjoni tal-aċċess għall-istrument SAFE għal pajjiżi terzi barra l-Ewropa tkun fundamentalment barra mill-ambitu u potenzjalment tista' tiġi kkontestata fil-qorti; jopponi, għalhekk, in-negozjati li għaddejjin bħalissa mal-Kanada u, b'estensjoni, kwalunkwe sħubija għas-sigurtà u d-difiża futura mal-Istati Uniti li tista' twassal għall-inklużjoni tagħhom fl-istrument***; jisħaq***, madankollu,*** fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna***, in-Norveġja u r-Renju Unit*** fl-istrument SAFE;

Or. en

Emenda 213
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; ***jisħaq li l-inklużjoni ta' alleati ewlenin bħar-Renju Unit u l-Kanada f'inizjattivi ta' difiża tal-UE tkun ta' benefiċċju reċiproku u tisfrutta l-valur miżjud ta' kull industrija;*** jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;

Or. en

Emenda 214
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada***, u jissottolinja li l-integrazzjoni taż-żewġ pajjiżi fl-istrument jista' jkollha implikazzjonijiet strateġiċi għall-politiki ta' difiża tal-UE u għall-EDTIB***; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;

Or. en

Emenda 215
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' ***l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata*** l-aċċess privileġġat għall-istrument ***ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (***SAFE***),*** ***wara*** ftehimiet bilateali speċifiċi; ***josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada;*** jisħaq ***fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE***;	21. Jilqa'***, fil-prinċipju,*** l-aċċess privileġġat ***tas-sħab tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-istrument SAFE soġġett għal*** ftehimiet bilaterali speċifiċi ***u reċiproċità stretta***; jisħaq ***li tali aċċess ma jridx joħloq dipendenzi strateġiċi ġodda, u li l-parteċipazzjoni minn pajjiżi terzi għandha tkun kundizzjonali fuq kunsens unanimu, garanziji tas-sigurtà tal-provvista u allinjament sħiħ mar-rekwiżiti tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjoni u s-sigurtà***;

Or. en

Emenda 216
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jilqa' l-fatt*** li ***lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża*** jkun jista' jingħata ***l-aċċess*** privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE)***, wara ftehimiet bilateali speċifiċi***; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	21. ***Jisħaq fuq il-fatt*** li jkun jista' ***jingħata aċċess*** privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) ***lill-Istati Membri***; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;

Or. en

Emenda 217
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada ***biex jiġu ffinalizzati mill-aktar fis possibbli***; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;

Or. en

Emenda 218
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-fatt li ***lil dawk il-pajjiżi*** li ***magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata*** l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilateali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;	21. Jilqa' l-fatt li ***l-pajjiżi*** li ***huma alleati stretti jistgħu jingħataw*** l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet bilaterali speċifiċi; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE;

Or. sv

Emenda 219
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet ***bilateali*** speċifiċi***; josserva li jinsabu fil-fażi ta' negozjati ftehimiet konformi mal-istrument SAFE għar-Renju Unit u għall-Kanada; jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fl-istrument SAFE***;	21. Jilqa' l-fatt li lil dawk il-pajjiżi li magħhom ġew iffirmati sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża jkun jista' jingħata l-aċċess privileġġat għall-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE), wara ftehimiet ***bilaterali*** speċifiċi***, biex l-industriji u l-prodotti tad-difiża tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-akkwist konġunt fl-ambitu ta' dak l-istrument***;

Or. it

Emenda 220
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Josserva li l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tikkoopera wkoll ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet fil-qafas ta' arranġamenti amministrattivi mfassla apposta;	22. Josserva li l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tikkoopera wkoll ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet fil-qafas ta' arranġamenti amministrattivi mfassla apposta; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn l-arranġamenti jikkontribwixxu għall-konsolidazzjoni tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) u għall-protezzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji;***

Or. en

Emenda 221
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Josserva li l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tikkoopera wkoll ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet fil-qafas ta' arranġamenti amministrattivi mfassla apposta;	22. Josserva li l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża tikkoopera wkoll ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet fil-qafas ta' arranġamenti amministrattivi mfassla apposta; ***jappella għal valutazzjoni mill-ġdid tal-arranġamenti amministrattivi u l-effettività tagħhom;***

Or. en

Emenda 222
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jitlob li s-SEAE jkollu r-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex jimplimenta s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża eżistenti, filwaqt li jiżgura li dawn jagħtu riżultati tanġibbli;

Or. en

Emenda 223
György Hölvényi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ***għall-ġestjoni integrata*** tal-fruntieri u għas-sigurtà	23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ***għat-tisħiħ tal-protezzjoni*** tal-fruntieri u għas-sigurtà

marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja ***u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji*** illegali;	marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja***; jinnota wkoll il-ħtieġa dejjem tikber li tiġi miġġielda l-migrazzjoni*** illegali ***ta' persuni li jaslu l-Ewropa permezz tar-rotot tal-Mediterran u tal-Balkani tal-Punent, flimkien mal-ġlieda kontra l-kuntrabandu, it-traffikar ta' bnedmin u l-attivitajiet kriminali transfruntiera***; ***jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni;***

Or. en

Emenda 224
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għas-sigurtà marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali;	23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għas-sigurtà marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja***, li jaffettwaw b'mod partikolari l-istati tan-naħa tal-Lvant,*** u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali; ***jappella għal aktar appoġġ finanzjarju u operazzjonali tal-UE għall-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istati fuq il-front;***

Or. en

Emenda 225
Jorge Buxadé Villalba, Pierre-Romain Thionnet, György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għas-sigurtà marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali;	23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għas-sigurtà marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali***, b'enfasi qawwija fuq il-fruntiera tan-Nofsinhar***;

Or. en

Emenda 226
Petras Auštrevičius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għas-sigurtà marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali;	23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għas-sigurtà marittima, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja ***u l-Belarussja*** u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali;

Or. en

Emenda 227
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri ***u għas-sigurtà marittima***, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u ***tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali***;	23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri ***ma' għadd ta' sħab***, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u ***tal-aspetti esterni tal-migrazzjoni irregolari***;

Or. en

Emenda 228
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri ***u għas-sigurtà marittima***, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali;	23. Jissottolinja r-rwol tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, li huma partikolarment importanti fid-dawl tal-provokazzjonijiet u tal-vjolazzjonijiet reċenti tal-ispazju tal-ajru tan-NATO min-naħa tar-Russja u tal-ġestjoni kontinwa tal-flussi migratorji illegali;

Or. en

Emenda 229
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew iqis il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi bi sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati, b'mod

partikolari n-Norveġja, ir-Renju Unit u l-Kanada, fi proġetti ewlenin tal-UE bħall-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, it-Tarka tal-Ajru Ewropea u t-Tarka Spazjali Ewropea;

Or. en

Emenda 230
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jisħaq li l-prijoritajiet ta' finanzjament tal-UE għandhom jirriflettu l-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-kapaċitajiet industrijali, b'attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-produzzjoni tad-difiża fuq in-naħa tal-Lvant tal-Unjoni biex tiġi indirizzata l-prossimità għal żoni ta' riskju għoli;

Or. en

Emenda 231
Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti ta' konġestjoni ta' importanza strateġika fid-dinja kollha; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom il-kejbils u l-pipelines sottomarini;	24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti ta' konġestjoni ta' importanza strateġika fid-dinja kollha***, b'attenzjoni partikolari għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed fejn il-preżenza militari Russa toħloq theddid kontinwu għal-libertà ta' navigazzjoni u***

s-sigurtà marittima; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom il-kejbils u l-pipelines sottomarini***, prinċipalment fil-Baħar l-Iswed fejn hemm riskji ta' sabotaġġ***; ***jappoġġja l-istabbiliment ta' preżenza marittima permanenti tal-UE fil-Baħar l-Iswed; ;***

Or. en

Emenda 232
Alexandr Vondra, Ondřej Krutílek, Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti ta' konġestjoni ta' importanza strateġika fid-dinja kollha; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom il-kejbils u l-pipelines sottomarini;	24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima ***ma' sħab alleati rilevanti*** biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti ta' konġestjoni ta' importanza strateġika fid-dinja kollha***, speċjalment f'żoni fejn qed jiġu mhedda l-interessi vitali tal-UE***; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom il-kejbils u l-pipelines sottomarini;

Or. en

Emenda 233
Jaroslava Pokorná Jermanová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti	24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti

ta’ konġestjoni ta’ importanza strateġika fid-dinja kollha; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom ***il-kejbils*** u l-pipelines sottomarini;	ta’ konġestjoni ta’ importanza strateġika fid-dinja kollha; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom ***il-protezzjoni mill-flotta mistura tar-Russja li ddgħajjef is-sigurtà tal-kejbils*** u l-pipelines sottomarini;
	Or. en

Emenda 234
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta’ sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti ta’ konġestjoni ta’ importanza strateġika fid-dinja kollha; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom il-kejbils u l-pipelines sottomarini;	24. Jitlob li jsiru aktar eżerċizzji konġunti ta’ sigurtà marittima biex jiġu promossi l-interoperabbiltà u l-prontezza operattiva fil-passaġġi fuq l-ilma u fil-punti ta’ konġestjoni ta’ importanza strateġika fid-dinja kollha; jinsisti fuq l-importanza tas-sorveljanza ***u l-protezzjoni*** tal-infrastruttura marittima kritika, fosthom il-kejbils u l-pipelines sottomarini ***biex tiġi pprevenuta l-frekwenza dejjem tikber ta’ attakki ibridi***;
	Or. en

Emenda 235
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jinsisti li l-kooperazzjoni fis-sigurtà marittima għandha tagħti prijorità lill-interoperabbiltà fost l-Istati Membri u l-alleati tan-NATO, aktar milli l-istabbiliment ta’ strutturi navali awtonomi tal-UE;

Or. en

Emenda 236
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li, għall-kuntrarju tal-impenji preċedenti tal-Kunsill Ewropew f'Mejju 2023, is-SEAE ddikjara li ma għandux aktar riżorsi finanzjarji disponibbli biex jistabbilixxi ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-UE għaċ-Ċiberdifiża (EU CDCC), li se jirriżulta fit-telf ta' għarfien espert importanti għat-titjib tal-miżuri ta' protezzjoni minn theddid ibridu u attakki ċibernetiċi, li qabel kienu miġbura fil-proġett PESCO taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Qasam Ċibernetiku u tal-Informazzjoni (CIDCC);***

Or. de

Emenda 237
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki

ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà; ***jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' eżerċizzji konġunti ta' rispons ċibernetiku u l-iżvilupp ta' kanali siguri għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-UE u s-sħab tagħha biex jiġġieldu t-theddid ibridu;***

Or. en

Emenda 238
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni ***mas-sħab tagħna biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħna, tiġi protetta l-infrastruttura kritika tagħna u jiġu skambjati l-aħjar prattiki dwar l-indirizzar tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin***; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 239
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni ***fil-qafas tal-PESCO u tan-NATO, u t-trasferiment tas-sejbiet tal-proġetti ta' suċċess għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' kooperazzjoni konġunta***; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 240
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, ***l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet kriminali tranżnazzjonali involuti fil-kuntrabandu tad-droga, u l-użu tal-migrazzjoni bħala arma*** jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 241
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi***, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni,*** jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; ***jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;***	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni ***fin-networks tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża***;

Or. en

Emenda 242
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida ***attiva u*** dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE ***u għandhom jiġu rikonoxxuti bħala gwerra***; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. sv

Emenda 243
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE***; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza*** demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE***, jesprimi tħassib li dan jista' jwassal għal forom ġodda ta' ċensura u jisħaq li dan idgħajjef ir-reżiljenza*** demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 244
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ***ċibernetiċi***, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ***fuq iċ-ċibersigurtà***, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin, fosthom id-diżinformazzjoni, jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. it

Emenda 245
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin***,*** ***fosthom id-diżinformazzjoni,*** jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;	26. Jisħaq fuq il-fatt li l-attakki ċibernetiċi***, id-diżinformazzjoni***, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin ***(FIMI)*** jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-UE; jitlob aktar kooperazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża biex jissaħħu r-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà;

Or. en

Emenda 246
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Ifakkar li l-approċċ tal-UE għad-difiża tal-infrastrutturi kritiċi taħt l-ilma jirrifletti l-fatt li hija tagħraf dejjem aktar l-isfidi mhux tradizzjonali fil-qasam tas-sigurtà;

Or. it

Emenda 247
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jappella għal salvagwardji kontra l-abbuż tas-sorveljanza u għall-promozzjoni tad-drittijiet diġitali, il-privatezza u l-libertà tal-media fis-

shubijiet għas-sigurtà u d-difiża kollha li jinvolvu l-kooperazzjoni ċibernetika;

Or. en

Emenda 248
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati;	27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati; ***jissottolinja, f'dan ir-rigward it-theddida dejjem akbar għas-sigurtà kkawżata mill-instabbiltà fir-reġjun tas-Saħel, inkluż it-tixrid ta' netwerks terroristiċi u kriminalità organizzata transfruntiera, u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi promossa l-istabbiltà reġjonali, tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-istat, u jiġi pprovdut appoġġ immirat lill-forzi tas-sigurtà u lis-sħab lokali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti;***

Or. de

Emenda 249
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati;	27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati; ***jenfasizza li***

huma meħtieġa kooperazzjoni intergovernattiva estensiva u kondiviżjoni tal-informazzjoni, fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi, biex jiġu miġġielda u pprevenuti t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti b'mod effettiv;

Or. sv

Emenda 250
Jorge Buxadé Villalba, Pierre-Romain Thionnet, György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati;	27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati; ***ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-flussi tal-immigrazzjoni tal-massa saru theddida ewlenija għas-sigurtà interna tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 251
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati;	27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, ***b'mod partikolari t-theddida terroristika Iżlamika,*** billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati;

Or. en

Emenda 252
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, ***billi jiġi indirizzat t-theddid statali u mhux statali permezz ta' oqfsa ta' sigurtà integrati***;	27. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tal-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, ***il-migrazzjoni illegali, u l-insigurtà fil-fruntieri esterni***;

Or. en

Emenda 253
Pierre-Romain Thionnet, Jordan Bardella, Nikola Bartůšek, Christophe Bay, Matthieu Valet, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jitlob ftehimiet ta' sigurtà ma' pajjiżi terzi fl-Afrika biex tiġi ġestita l-migrazzjoni irregolari, tiġi indirizzata direttament u lokalment iż-żieda fl-applikanti għall-ażil, jiżżarmaw in-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, u jiġi evitat it-tixrid potenzjali tat-terroriżmu fl-Ewropa, fil-kuntest ta' instabbiltà dejjem tikber, it-theddida ġiħadista li qed tespandi fil-Mali u fir-reġjun tas-Saħel, u ż-żieda fil-qsim mhux awtorizzat tal-Mediterran;

Or. en

Emenda 254
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża;	28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża; ***jitlob lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) jagħtu prijorità lill-integrazzjoni ta' GOVSATCOM u s-sistema ta' konnettività tas-sigurtà IRIS² u jippromwovu b'mod speċifiku r-riċerka u l-iżvilupp fil-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) biex jiżguraw komunikazzjonijiet bis-satellita affidabbli, siguri u kosteffettivi fit-tul għall-missjonijiet ta' difiża tal-UE - dan jinkludi b'mod partikolari l-iżvilupp ta' rilejs tad-data u tagħbijiet ta' komunikazzjoni b'latenza baxxa u prestazzjoni għolja għat-trażmissjoni f'ħin reali ta' data ta' kontroll, vidjo u sensuri għas-sistemi ta' droni, kif ukoll il-protezzjoni ta' konnessjonijiet C2 kritiċi minn interferenza, interċettazzjoni u imblukkar tas-sinjali;***

Or. de

Emenda 255
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta'	28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta'

servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża;	servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża; ***jisħaq li b'mod partikolari, is-settur emerġenti tal-Ispazju Ġdid u l-potenzjal innovattiv tiegħu rigward it-teknoloġiji b'użu doppju għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ anke fir-rigward tal-iżviluppi ċivili u tad-difiża;***
	Or. en

Emenda 256
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża;	28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża; ***jisħaq li l-azzjoni tal-UE fl-ispazju trid tibqa' konsistenti mal-liġi u n-normi spazjali internazzjonali għall-użu paċifiku tal-ispazju ekstratmosferiku u tinkludi miżuri biex jiġu evitati riskji ta' proliferazzjoni b'użu doppju;***
	Or. en

Emenda 257
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-	28. Jinsisti fuq il-fatt li s-sħubijiet ***u r-regolamentazzjoni globali, inklużi l-armi antisatellitari,*** huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-

theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża;

ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali għas-sigurtà u d-difiża;

Or. sv

Emenda 258
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jinsisti fuq il-fatt*** li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali ***għas-sigurtà*** u ***d-difiża***;	28. ***Jissottolinja*** li s-sħubijiet huma fundamentali biex tiġi promossa mġiba paċifika u responsabbli fl-ispazju ekstratmosferiku, tingħata risposta lit-theddid fl-ispazju u jiġi appoġġjat l-użu ta' servizzi spazjali ***għal skopijiet ta' sigurtà*** u ***difiża***;

Or. en

Emenda 259
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jistieden lill-UE tappoġġja inizjattivi internazzjonali li jillimitaw l-użu tal-ispazju ekstratmosferiku bħala arma, inkluża projbizzjoni fuq testijiet distruttivi kontra s-satelliti, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar imġiba responsabbli fl-ispazju;

Or. en

Emenda 260
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin jagħtu riżultati konkreti;	29. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin jagħtu riżultati konkreti; ***jissottolinja l-ħtieġa li f'dawn is-sħubijiet jiġi inkluż pilastru ddedikat dwar id-diplomazija ta' ispirazzjoni reliġjuża u d-djalogu interkulturali, bħala strument komplementari għall-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġlieda kontra t-theddid ibridu u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-indħil minn barranin (FIMI), u t-tishih tar-reżiljenza soċjetali;***

Or. en

Emenda 261
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin jagħtu riżultati konkreti;	29. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin jagħtu riżultati konkreti; ***jitlob li jiġi ppreżentat rapport annwali dwar l-implimentazzjoni pubblika lill-Parlament għal kull sħubija għas-sigurtà u d-difiża,***

inklużi l-objettivi, ir-riżultati tanġibbli, il-pakketti finanzjarji, il-valutazzjonijiet tar-riskju u d-diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 262
Tonino Picula, Sven Mikser, Javi López, Tobias Cremer, Raphaël Glucksmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet ***qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin*** jagħtu riżultati konkreti;	29. Jissottolinja li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet***, jekk jiġu implimentati sew, jistgħu*** jagħtu riżultati konkreti ***u jikkontribwixxu għall-ordni tas-sigurtà Ewropea***;

Or. en

Emenda 263
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. ***Jissottolinja*** li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin jagħtu riżultati konkreti;	29. ***Jinsisti*** li s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża fihom klawżola ta' rieżami effikaċi li tippermetti l-adattamenti tal-implimentazzjoni u tar-reazzjoni għall-iżviluppi ġodda fil-qasam tas-sigurtà; jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet qegħdin jissaħħu b'mod kostanti u qegħdin jagħtu riżultati konkreti;

Or. en

Emenda 264
Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Ifakkar li l-Parlament fakkar bosta drabi fl-importanza tas-sħubijiet fil-qafas tal-Boxxla Strateġika; jemmen li d-diplomazija parlamentari tikkomplementa u tappoġġja dawn is-sħubijiet; jissottolinja r-rwoli kruċjali li jiżvolġu l-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u d-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO;	30. Ifakkar li l-Parlament fakkar bosta drabi fl-importanza tas-sħubijiet fil-qafas tal-Boxxla Strateġika; jemmen li d-diplomazija parlamentari tikkomplementa u tappoġġja dawn is-sħubijiet; jissottolinja r-rwoli kruċjali li jiżvolġu l-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u d-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO; ***jitlob lis-SEAE jipprovdi rapporti regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża u l-istat attwali tan-negozjati li għaddejjin bħalissa jew dawk ippjanati;***

Or. en

Emenda 265
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Ifakkar li l-Parlament fakkar bosta drabi fl-importanza tas-sħubijiet ***fil-qafas tal-Boxxla Strateġika***; jemmen li d-diplomazija parlamentari tikkomplementa u tappoġġja dawn is-sħubijiet; jissottolinja r-rwoli kruċjali li jiżvolġu l-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u d-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO;	30. Ifakkar li l-Parlament fakkar bosta drabi fl-importanza tas-sħubijiet ***għas-sigurtà u d-difiża***; jemmen li d-diplomazija parlamentari tikkomplementa u tappoġġja dawn is-sħubijiet; jissottolinja r-rwoli kruċjali li jiżvolġu l-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u d-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Assemblea Parlamentari tan-NATO;

Or. en

Emenda 266
Nikola Bartůšek, György Hölvényi, Pierre-Romain Thionnet, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jisħaq li l-informazzjoni u s-sorveljanza baġitarja tal-Parlament Ewropew ma jridux jiksru l-kompetenzi esklużivi tad-difiża tal-Istati Membri, u b'hekk jissalvagwardjaw is-sovranità baġitarja u strateġika ta' kull nazzjon;

Or. en

Emenda 267
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jimpenja ruħu li jfittex l-organizzazzjoni regolari ta' laqgħat konġunti tal-Kumitat mal-Kumitat għas-Sigurtà Nazzjonali, id-Difiża u l-Intelligence tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna biex jitrawwem id-djalogu fil-livell parlamentari;

Or. en

Emenda 268
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

30b. Jilqa' l-organizzazzjoni tal-ewwel laqgħa interparlamentari tal-Kumitati tad-difiża tal-Istati Membri tal-UE fil-Parlament Ewropew u t-tishiħ ulterjuri tas-sħubija mal-persunal tal-parlamenti nazzjonali inkluż permezz tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża;

Or. en

Emenda 269
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30c. Jilqa' l-organizzazzjoni tal-107 Seminar Rose-Roth tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO bl-isem "EU-NATO Cooperation: Essential Partnership and Democratic Resilience" (Il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO: Sħubija Essenzjali u Reżiljenza Demokratika) fil-bini tal-Parlament Ewropew; jissottolinja li dan irrappreżenta sinjal qawwi tar-rwol attiv il-ġdid tal-Parlament Ewropew fid-dawl tal-istatus imsaħħaħ ta' sħubija tiegħu fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO;

Or. en

Emenda 270
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30d. Jissottolinja s-suċċess tal-ewwel proġett pilota li qatt sar tal-Parlament Ewropew u tal-Assemblea Parlamentari

tan-NATO għall-bini tal-kapaċitajiet parlamentari fis-settur tas-sigurtà u d-difiża għall-persunal tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna (VRU); iħeġġeġ li dan il-proġett pilota jiġi estiż għall-Verkhovna Rada tal-Ukrajna (VRU), il-parlamenti taż-żona tat-tkabbir u s-shubijiet għas-sigurtà u d-difiża kollha;

Or. en

Emenda 271
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jemmen li l-Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża huwa pjattaforma fundamentali għad-djalogu;	31. Jemmen li l-Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża huwa pjattaforma fundamentali għad-djalogu; ***jinkoraġġixxi l-inklużjoni sistematika tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-akkademja, ir-rappreżentanti taż-żgħażagħ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi sħab fil-Forum Schuman u djalogi relatati;***

Or. en

Emenda 272
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jemmen li l-Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża huwa pjattaforma fundamentali għad-djalogu;	31. Jemmen li l-Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża huwa pjattaforma fundamentali għad-djalogu; ***jitlob lill-Parlament jieħu rwol attiv fit-tfassil tal-aġenda tiegħu u s-segwitu, filwaqt li***

jiżgura li l-eżiti jikkontribwixxu għall-ħidma leġiżlattiva dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE;

Or. en

Emenda 273
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jemmen li l-Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża huwa pjattaforma ***fundamentali*** għad-djalogu;	31. Jemmen li l-Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża***, organizzat mis-SEAE u ospitat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew,*** huwa ***opportunità biex tiġi pprovduta*** pjattaforma ***ta' livell għoli*** għad-djalogu ***mas-sħab***;

Or. en

Emenda 274
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jinkoraġġixxi li jinħolqu rabtiet aktar stretti mas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab, billi tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE;	32. Jinkoraġġixxi li jinħolqu rabtiet aktar stretti mas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab, billi tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE; ***jappella għat-tnedija ta' kampanji li jinvolvu lill-Parlament Ewropew, istituzzjonijiet, korpi u organi oħra tal-UE, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, kif ukoll l-NGOs, l-akkademja u l-media, biex jippromwovu s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża eżistenti u jinkoraġġixxu Sħubijiet ġodda, u b'hekk tissaħħaħ l-immaġni u l-pożizzjoni tal-UE fost il-pajjiżi tas-sħubija għas-sigurtà u d-difiża;***

Or. en

Emenda 275
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jinkoraġġixxi li jinħolqu rabtiet aktar stretti mas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab, billi tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE;	32. Jinkoraġġixxi li jinħolqu rabtiet aktar stretti mas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab, billi tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE; ***jenfasizza l-ħtieġa li jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u n-narrattivi manipulazzjoni minn barranin permezz ta' strateġiji ta' komunikazzjoni kkoordinati u inizjattivi ta' diplomazija pubblika li jinvolvu d-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 276
Hans Neuhoff

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jinkoraġġixxi li jinħolqu rabtiet aktar stretti mas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab, billi tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE;	32. Jinkoraġġixxi li jinħolqu rabtiet aktar stretti mas-soċjetajiet tal-pajjiżi sħab, billi tissaħħaħ il-komunikazzjoni strateġika tal-UE; ***jisħaq fuq l-importanza ta' dibattitu parlamentari pluralistiku dwar is-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża, inklużi l-fehmiet tal-minoranzi, biex tiġi żgurata l-leġittimità demokratika u l-koerenza strateġika;***

Or. en

Emenda 277
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jisħaq li s-sħubijiet tal-UE għas-sigurtà u d-difiża jridu jikkontribwixxu għat-tiswir tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżviluppaw indikaturi u rapportar annwali dwar l-impatt tal-paċi u s-sostenibbiltà tas-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża kollha;

Or. en

Emenda 278
Judita Laššáková, Ondřej Dostál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jisħaq li l-infiq kollu tal-UE relatat mad-difiża fl-ambitu ta' strumenti bħall-Faċilità Ewropea għall-Paċi, il-Fond Ewropew għad-Difiża, u l-istrument SAFE jrid jibqa' kompletament trasparenti, soġġett għal sorveljanza rigoruża, u ma jridx idgħajjef ir-responsabbiltà fiskali tal-Istati Membri;

Or. en